

NAPOLI-TIP. PONTIF. FESTA

# "TAL HERBA"

**Mons. Pietro P. Pace concesse Indulgenza di giorni 40**
**a chiunque reciterà una *Salve Regina***

Decreto 20 Febbraio 1895

SI VENERA IN BIRCHIRCARA

Dun Xand Cortis, D.D., Miss. Ap.

# TIFSIR

# FUK IS-SANTUARJU

# U

# IL MADONNA TALL HERBA

MALTA
Stamperja tad-Dar ta S. Giusepp—Hamrun.

1910.

# PROTESTA

## TA MÎN CHITEB DAN IL CTIEB

—✠—

*Sabiex noghkod seuua ghad-Decrieti tal Papa Urbanu VIII, chemm ucoll ghad-Decrieti tas-Sacra Congregazzioni tar-Riti, jena nistkar li dauc il miracli u il grazzi li sejjer insemmi u ngib f-dan il ctieb, nemminhom bhala nisrani u irrid li jemmnuhom l-ohrajn bhala nsara, chemm il darba huma mghoddijn mill Cnisja mkaddsa Omm ghaziza tieghi: mill bkija nemminhom u irrid li jemmnuhom l-ohrajn biss bhal ġrajja l-ohra li ighidu in-nies.*

## CHELMTEJN LIL MÎN JAKRA

*Huti l-egheziez,*

*Mux biss il Carcarisi, imma, tista' tghid, Malta chif id-dur, chien îlha bix-xeuka li tara il* MADONNA TAS-SANTUARJU TALL HERBA *ncorunata. Dix-xeuka mbaghad actar chibret, uara li sehhet l-incoronazioni tall Madonna tall Carmnu tal Belt, tall Cattedral, tall Melliha u ta Bormlà. Sa illum izda chienet ghâda ma tuetkitc. Tafu intom : il huejjeġ t-Alla mux la' chemm : dejjem jinkalâ fihom xi ghauġ. Izda issa, c-Alla irid, ma indumux ma narauha ncorunata il* SIDTNA MARIA TALL HERBA. *Id-Degriet tall incoronazzioni îlu li hareġ mit-13 ta Frar li ghadda mill Illmu. u Revmu. Capitlu tall Vatican. Ked issa jitheja cullma jinhtieġ ghall incoronazzioni b-heġġa li ma bhala.*

*L-Incoronazzioni, jecc ma jinkalaghx xi ghauġ, ghanda issir fis-seba' ta Auuissu li gej mn-idejn l-Iskof taghna Mons. Paċ delegat mill imsemmi Capitlu. Mons. Paċ jixtiek li tcun sollenni ferm : min ghalih jingiebu tliet Iskfijet ohra. U côs il Propostu ta Birchircara Don Alfons Borġ D.D. u is-Sur Costanz Grech Procuratur tall Herba ma jaghmlulux ghajb. Dic hrara ! dic herka li ghandom ! Biss jahasra iz-zmien enzerta ftit u xejn hazin : id-dinja mejjta. Xi trid taghmel, hecc giet. Jalla collox isir b-kima t-Alla, b-gih ta Sidtna Maria u ghall gîd tall erueh. Dan irrid, dan nixtiek u dan nittama l-cun.*

*Nghid is-seuua li ma chienitċ dix-xeuka, meta geu talbuni biex insauuar dan in-nakra ta Ctieb, cont nehles helu helu. Imma il fehma u il jês li isir ftit tall gîd ġaghaluni nghid iva u immed ghonki ghax-xoghol. Nitma f-Alla u f-Ommu il ghaziza, li meta huti il Maltin isibu nfisser collox seuua fil lsienhom fuk is-*Santuarju u il Madonna tall Herba, *actar jingibdu lejhom, jatu kima l-Alla, gih lil Sidtna Maria, u jaghmlu gîd ghar-ruhhom.*

*L-ahua, fill uakt li inhallicom bis-sliem, nixtikilcom ir-risk u il barca.*

## LEUUEL TAKSIMA

***X-jigifieri il chelma Santuarju.***

Il chelma Santuarju bil malti seuua jigfieri għaziz. Santuarju mela jeu għaziz ifisser bosta ħuejjeġ. Fost il Lhud is-Santuarju hu sehem mit-tempju, fejn ma jistgħux jidħlu għair il kassisin biss. Bħalli chiecu it-tempju ta Salamun chien jitkassam f-erbat ishma. Leuuel sehem chienet il bitħa ta geuua; fiha chien jista' jidħol culħadd, ngħidu aħna il ħic u il mic. It-tieni sehem chienet il bitħa ta geuua, bitħa izgħar mill oħra; f-din chienu jidħlu il kassisin biss. It-tielet sehem chien is-Santuarju, jeu il għaziz; fih in-nies ma chienux jistgħu jidħlu. F-nofs is-Santuarju tkiegħed l-artal tall profumi, u ma tulu 10 candlieri tad-deheb, ħamsa cull naħa, u kuddiem cull candlier mejda bill ħobs tal *proposizzioni*. L-aħħar sehem tat-tempju chienet is-*Sancta Sanctorum*, fiha chien jista' jidħol Rajjes il kassisin u darba fis-sena biss bid-demm tall vittimi. Dan mela hu il ħiel tas-Santuarju fost il Lhud.

Immorru issa narau x-jigifieri Santuarju fostna Nsara.

Fostna Nsara Santuarju taf chemm ifisser ftietak:

Leuuelnett: ifisser ir-reliquii tall Kaddisin. Ta dan jatina xiedha S. Ghirgor (lib. 9. Epist. 72) fejn igħid: "*Sanctuaria ejus Martyris;.... furto ablata sunt*" jigifieri ir-reliquii ta dac il martri, (jigifieri ta San Leonziu, għax minnu chien jitchellem) geu misrukä.

It-tieni: Santuarju ifisser biċċa minsusa mar-reliquii tall Kaddisin. Għax fl-euuel zmenijet ħadd ma

chien jista' jiħu reliquii tall kaddisin, imma cheienu imissu biċċa ħuejjeġ mall igsma tall martri u jiħduha għad-devozzioni. Din il biċċa ħuejjeġ chienet tissejjaħ actarx *Velum*, jeu *Brandeum*, u uisk drabi *Sanctuarium* ucoll.

It-tielet: Santuarju bosta drabi ifisser zuntier. Ara chemm li is-Sinodu Cicestrense fl-euuel Taksima igħid hecc: « Lis-Santuari tall cnejjes, in-nies actarx igħidulhom znieter. » (1).

Ir-raba': Santuarju ifisser ħuejjeġ il Cnejjes. Hecc insibu fil Carta ta Enricu III Sultan tall Inghilterra: "Erħejnielha il dic il Cnisja bi ħuejjġa collha," "*Cum sanctuario ad illam pertinente.*"

Il ħames: Santuarju ifisser il côr, chif seu seuua nsibuħ imsejjah fil Conciljn Bracarense.

Is-sitta: fl-aħħarnett ifisser tempju, jeu Cnisja. Hecc S. Eulogiu il Cnisja isejjħilha Santuarju (lib. 2. Memorial. c. 9;) *Qui tunc in supradicto Sanctuario (Basilica nempe) reclusus manebat.* U côs mux St. Eulogiu uaħdu tafux il Cnisja isejjħilha Santuarju, imma actarx il cotra il cbira tan-nies, meta igħidu Santuarju, jifmhu igħidu Cnisja. Tismagħhom igħidulec haun Malta: Is-Santuarju tal Mellieħa. Għaudex: Is-Santuarju ta Pinu. Napli: Is-Santuarju ta Pompei. Franza: Is-Santuarju ta Lourdes. Il Palestina: Is-Santuariu ta Betlemm, ta Nazaret u hecc.

Imma għad illi il chelma Santuarju tfisser Cnisja, donna trid tgħid xi ħaġa actar għaziza mill Cnejjes l-oħra. Bħalma fost il Lhud is-Santuarju chien actar għaziz mill euuel zeuġ ishma tat-tempju, hecc, meta ngħidu Santuarju, irridu donna ngħidu xi cnejjes actar għezies mill oħrajn. Jeu għax fihom seħħeu xi ħuejjeġ

(1) Ecclesiarum Sanctuaria, populariter Cæmeteria nominantur.

actar tal għageb, jeu għax fihom ġrau xi ħuejjeġ actar egħziez, jeu għax fihom hemm xi xbihjet actar devoti, jeu għal ħaġa jeu għal oħra. Hecc il Cnisja il kadima tall Melliħa tissejjaħ Santuarju, għax fiha il Madonna pinġuta min S. Luca. Hecc il Cnisja eulenia tal Lourdes tissejjaħ Santuarju għad-dehrjet ta Sidtna Maria u għal egħgiubijit li hemm seħħu.

U côs xejn m-hu barra mill ħass li dauc il Cnejjes li fihom ħuejjeġ egħzez mill oħrajn jissejjħu Santuari, għax cull fejn jirtefgħu il ħuejjeġ l-actar rari u egħziez bil latin igħidulu *Sanctuaria.*

Ftehemna mela x-jigifierii Santuarju ?

## IT-TIENI TAKSIMA

### *Is-Santuarju u il Madonna tall Herba chif inhuma illum.*

Jecc tasal uasla sa Birchircara, tgħaddi mit-triek li hemm ma genb il Colleggiata u mbagħad tiluj ftit u xejn, malajr issib ruħec fejn is-Santuarju tall Herba. Tara kuddiemec zuntier ġmielu b-nakra ta taraġ. Imbagħad porticu jeu loġġa (1). Bejn iz-zuntier u il loġġa hemm bħal nakra ta katgħa, li minnha tgħaddi min bieb li jati għall bitħa. Fil loġġa issib il bieb il cbîr tas-Santuarju. Inti u dieħel għandec fuk il lemîn il Sant Espeditu (vâra) u fuk ix-xellug il Sta. Vittoria *corp sant.* Il għadam għaziz ta din chien ingieb mir-Ruma fis-sena 1775, u baka' merfuħ f-tall Herba. (2) Imbaghad fis-sena 1892 il Can. Dec. Dun Carmn

(1) Fuk dil loġġa hemm vâra tall Madonna.
(2) Min-noti ta Dun Michiel Sammut.

ROYAL UNIVERSITY MALTA

Sammut ra chif għamel u dammu f-din ix-Xbiha għaziza, li illum tissejjaħ SANTA VITTORIA MARTRI.

Is-Santuarju jicconstisti f-corsija. Min din il corsija tidħol, ngħidu aħna, fi speci ta zeuġ cappelli oħra. Fil faċċata tal corsija hemm l-artal l-euulieni. Din il faċċata hia collha micsija bir-rħamijet imzeukä, il ġmiel ta ġmielhom. F-din il faċċata issib kuddiemec l-incuatru għazis ta Sidtna Maria. F-dan l-incuatru għandec il Madonna fuk is-sħab b-idha ix-xellughia iz-zomm il Benha Gesù, tarbija ħelua zoccor, u b-idha il-lemenija miftuha, donnha kegħda tilka' l-eruieh li l-Anġlu Custodju jeħles mill masfa, mill purgatoriu. Għax côs f-dan l-incuatru, in-naħa ta taħt f-nofsu seuua hemm l-eruieh kalb il ħgejjeġ tan-nirien. Fil-lemîn tara l-Anġlu Custodju b-ruħ ma genbu. Fix-xellug imbaghad fil genb tilmaħ il S. Ġuann il Battista bill bandiera f-idu u bill ħaruf fein riġleih. Fil genb tall incuatru in-naħa il uaħda. u in-naħa l-oħra ta fuk issib xi anġli kalb is-sħab, imdaurin mas-Sultana tagħhom.

Dan hu cull ma juri l'-incuatru tal Madonna tall Herba.

Li f-dan l-incuatru hemm l'Anġlu Custodiu jeħles l'eruieh min-nhar, jiddihom f-idejn Maria għal genna nifħemha. Għax l-Anġli Custodi huma moħtarä mn-Alla biex jeħdu ħsieb l-eruieħ. U jeħdu ħsiebhom mux biss fil ħajja, imma uara meuthom ucoll. Ara chemm li Sta. Francesca Rumana tisgurana li Alla l-imbierec għarrafha li l-Anġlu Custodiu iuassal l-eruieħ fil Purgatoriu u ifittex inakksilhom iz-zmien u itaffilhom il ħruxja tat-tbatijet. U côs is-Santi Padri u it-Teologi jakblu uisk mar-rivelazionijet ta Santa Francisca. Ghax igħeidu li l-Anġli Custodj idaħħlu l-eruieħ fil Masfa, inebbħuna f-kalbna biex nidħlu għalihom, anzi imbagħad juruhom min icun għenhom.

U, meta jispiccia iz-zmien tagħhom, jeħduhom il genna, u uisk drabi jatuna ucoll dil bxara sabiħa. Tarau mela chif ma hi xejn barra mill ħass li il Madonna tall Herba għanda magħħa l-Anġlu Custodju jeħles l-eruieħ mil Purgatoriu. (1).

Illi imbgħad hemm f-dac l-incuatru San Ġuann il Battista ucoll ma hi ħaġa cbira xejn. Għax ċar uisk li dan hu simbulu tal Cavalieri ta Malta; għax milli jidher min xi ħuejjeġ, chif ngħidu il kuddiem, chellhom xi ftit x-jaksmu il Cavalieri mas-Santuarju u mall Madonna tal Herba; ara chemm li fl-incuatru il kadim tall Madonna tall Herba hemm ix-xbiha tall Cavalier De St. Pierre għarcubtejh kuddiem il Madonna. U arma tall familja tiegħu. (2).

Hu x-inhu nergħu għalli conna„jigifieri għas-Santuarju.

Għidna mela li fis-Santuarju tall Herba hemm, bħal zeuġ Cappelli. F-tal Lemîn hemm artal bl-incuatru il kadim, li għadna chif semmejna, u zeuġ vâri: il uaħda bl-ancra tfisser it-tama u l-oħra bit-tarbija tfisser l-imħabba. Flis-stess Cappella hemm bieb li jati għassacrista u jeħor li jati għall bitħa.

Din il Cappella ma nbnietċ mill euuel, izda saret fis-sena 1774. Chif, igħidu nies tas-sengħa, din il Cappella hi biċċa xogħol sabiħa tasseu: l-iscultura li fiha hi guappa: bil chif. Ma genb din il Cappella hemm il kapnar b-erba' kniepel. L-eulenija fosthom hi xogħol l-imsemmi Salvu Triganza: giet imbierca fis-sena 1813.

Fil Cappella mbagħad tax-xellug hemm l-artal tan-Nazarenu u tliet vâri oħra: tal Kalb ta Gesù, ta S. Aluigi u ta S. Ġusepp.

Dil cappella chienet, chif jidher mill atti tal Vista ta Mons. Molina l-euuel Cappella li imbniet b-giħ ta.

---

(1) Smaight ucoll min xi ħadd li hemm l-Anġlu Custodju ghax dan chien Protettur tall Cavalieri. Chif xtrait ked imbiegh.

(2) Mehud min-noti ta Dun Michiel.

Sidtna Maria: ara chemm li ħallihom ikaddsu fiha; għad li chienet tinzamm b-sacristija.

Dan hu il ħiel collu tas-Santuarju u tall Madonna tall Herba chif inhuma illum. Aslu uasla sa Birchircara u tarau b-għajnejcom. (1).

Ara bil ħakk ħallejt, biex hecc ngħeid, l-aħjar ħaġa. Nsejt insemmilcom li fil ħitan tas-Santuarju tall Herba, tal cappelli tighu, li tnejn u tas-sacristja huma nċanati, huma mizugħda b-coll xorta ta uegħdi, ncuatri addoċċ ta coll daks, ta coll għamla, ta coll leun. Cbar, żgħar, ġodda, kodma, min collox. F-dauc tara bastimenti imfarcä u nies meħlusä mill għarka; f-dauc issib nies meħlusä mill jasar, meħlusä mill guerra; f-daun tara nies meħlusä mill mard, mill meut. F-ohrajn tilmaħ nies heniä u mfarġa. U côs mux incuatri biss, imma crozzi sħaħ u mfarcä, balal u bcejjeċ tagħhom, ctajjen, ħdejjed, xama', għainejn, riġlejn, idejn tal fidda, ħuietem, ctajjen, imsielet, ċappetti, ħnienac, labar tad-deheb, diamanti. Nisguracom li tibka' niexef meta tidholl bil cotra tall uiegħdi li hemm. Ngħeid għalja, l-actar Santuarju li rajt f-għomri mizgħud bil uegħdi, chien is-Santuarju tall Madonna tall Arco krib min Napli. Imma naħseb li is-Santuariu tall Herba igħaddiħ. Nifhem jen li f-tall Herba ncuatri biss hemm mal 400. Hux numru sabiħ? Imbagħad mîn jaf igħid chemm uegħdi maz-zmien tchissru, oħrajn mermru u ntemmu. Dan hu collu frott tad-devozioni tall Insara lejn il Madonna tall Herba. Izda issa sejjrin jonksu katieħ uiegħdi tad-deheb milli hemm, għax ittieħdu bis-sensja ta Ruma għal curuna tad-deheb li biha sejjer jigi ncurunat l-incuatru tall Madonna tall Herba.

Mill bkija dejjem icun fi dakka ta għajn is-Santuarju, għax jibka' collu tapezzat bill uegħdi.

---

(1) Jecc issibu xi haġa zmerċ htija ta mîn tani il hiel.

# IT-TIELET TAKSIMA

**Fuk in-nisel tas-Santuarju tall Herba u x-għadda minnu.**

Culmîn għandu, mkar ħjel zgħir, tall ġrajja tall ġzejjer tagħna jaf uisk tajjeb li huma ftit actar min 800 sena îlu chienu għadhom maħkurä mill għarab. U Alla ħares ma chienx għalina il Conti Ruggier, li fis-sena 1090 ħelisna min taħt il madmad chiefer tagħhom. Haun chien imbagħad li il Maltin ħadu ftit tar-ruħ u rau chif għamlu u mhux biss seuueu xi Cnejjes kodma mħarrbtä mill għarab, imma ħadu ħsieb ucoll jibnu xi Cnejjes ġodda.

Fost l-oħrajn bneu nakra ta Cnisja Birchircara b-giħ ta Sidtna Maria. U billi bneuuielha kalb il blat, it-ticsîr u it-tħarbît semmeuha tall HERBA.

Isimgħu x-igħid fukha il Cav. Achille Ferres fil Ctieb tiegħu msejjaħ: " Il Cnejjes ta Malta u Ghaudex " Cnisja tat-Tuelîd tall Madonna msejħa tal Herba.

« Din hi uieħed mis-Santuarj lizied egħziez ta Malta, in-nies tagħmel uisk għalih. Jinsab f-post imlakkam tal Herba, li ifisser *delle rovine*, hecc imsejjaħ mill post imġarraf u mħolli fejn chienet immuakfa l-euuel Cnisja kadima ferm. Mîn irid jaf fuk hecc il ħuejjeġ seuua jakra iz-zieda li tinsab fl aħħar ta dan il ctieb. » (1).

Din in-nakra ta Cnisja għal euuel chienet magħrufa ftit li xejn, imma mbagħad għax-xita ta grazzi u għal cotra tall egħgubijet li Sidtna Maria għamlet mall insara, in-nies contu tarauhom imorru izuruha bi ħġarhom. L-actar imbagħad fuk din il biċċa. Isimgħuha.

---

(1) Il Cappillan Sisner tchellem ucoll fuk tall Herba fil ctieb tieghu msejjah : *Uard u Fiuri lil Maria* fil pag. 232, igheid hecc · « Uara li il Maltin.... bneu uahda zghira, li, « billi chienet tinsab kalb il blat u it-tharbit, hadet l-isem « *tall Herba.* »

Jingħad mela mîn dejjem li inzerta għaddei uieħed ragel mifluġ. L-imsejchen chien jimxi bil crozzi. F-dakka uaħda jisma' ċlin, ċlin, ċlin, ċlin. Chienet iccempel nitfa ta kampiena : chienet iddok kuddiesa. L' imsejchen ta mifluġ jistaksi f-liema Cnisja, jgħidulu li f-tall Herba. Erħilu jiġbdilha għall hemm. Ciklîm ciklîm jasal u jidħol fil Cnisja. Haġa cbira! ħaġa tall għaġeb! digment jakgħulu il crozzi min taħt spallejh u isib ruħu kauui sħiħ imfejjak għal collox bħalli chiecu katt ma chien mifluġ. Dac ferħ jaħasra! dac hena! dac faraġ! Hemm ridtu tarauh jizzi-ħajr l-Alla l-imbierec u lil Sidtna Maria tall Herba!

Fuk biċċa bħal din contu mbagħad uara tarauh jiggiera u jisfaħ ma Malta chif id-dur, ixandar ma cullħatt il grazzia li għamlet miegħu Sidtna Maria tall Herba. Mnec ġara li in-nies ta Malta collha cont tilmaħhom sejjrin ktajja ktajja, ħalil ħalil izuru il Madonna tall Herba u jagħmlulha ugħedi ghad-doċċ. Għalhecc dic in-nakra ta Cnisja sefgħet uisk zgħira għal dauc il ħlejjak collha, għaldakstant in-nies meddeu ghonkhom biex jibnu uaħda gdida hemm stess, izda acbar, usa' u isbaħ. U, imbierec Alla, f-radda ta salib inġabret chemxa flûs seuua u fis-sena 1640 imbina is-Santuarju li narau il-lum. Das-Santuarju imbagħad giè icconsacrat mill Iskof Labini fit-23 ta Marzu tas-sena 1783 (1). U isir l'anniversarju tall Consacrazioni cull sena fit-tieni Hadd ta fuk Gheid il Cbîr ; nhar Għid il ġdid.

---

(1) B-tifchira tall Consacrazzioni itkieghdet fil Cnisja rhama b-din il chitba fiha : « Ecclesiam hanc, fidelium « frequentia celebrem, quam in ampliorem elegantioremque « formam devotio redegit, Illmus. ac Revmus. Dnus. Fr. « Vincentius Labini Epus. Melitensis solemniter conse- « cravit Die XXIII Mensis Martii MDCCLXXXIII, recon-

# IR-RABA TAKSIMA

***X-tifchirijet eghziez***

***hemm fis-Santuarju tall Herba.***

Leuuelnett għandcom tafu li tifchira tista' tcun għaziza għal zeuġ ħuejjeġ: għalli tisua fiha nfisha: u mħabba f-mïn għand mîn ġejja. Ngħeidu aħna: takla' ħatem tad-diamanti min għand bniedem baxx u li bil chemm tafu, il ħatem l-actar li hu għaziz għandec mux imħabba f-mîn taulec, imma għax jisua fih innifsu. Takla' l-istess ħatem min għand is-sultan, jeu min għand ħabib tal kalb, tgħozzu seuua mħabba fih innifsu chif ucoll imħabba il persuna cbira li tatulec. Takla' nitfa ta domna, jeu santa min għand il Papa, tgħozza ferm, mux għalli tisua, jalla forsi tisua xelin, imma għax tahielec il Papa.

Issa f-tall Herba hemm tifchierijet egħziez seuua għalli jisueu fihom infushom, chif ucoll imħabba fil persuna li minnhom huma ġejjn (1).

L-euuel tifchira. — Vintartal li jisua il belli flejjes. Dan il vintartal hu tall fidda, xogħol barocc, maħdum fuk il bellus aħmar. Taf chemm hu sabib! il ġmiel ta ġmielu!

Jingħad li taulha lil tall Herba b-tifchira tiegħu dan il vintartal il Cavalier Romualdo Doz. F-nofsu hemm ismu u l-arma tighu.

---

« ditis in altari SS. MM. Reliquiis Innocentiae, Vincentii,
« Urbani et Fausti, ejusque consecrationis annuam me-
« moriam Dominica II post Pascha sollemniter celebrari
« mandavit. »

(1) Jeu ghax chienu tall Cavalieri u tas-Slaten, jeu ictar mbaghad jec tauhom lil tall Herba l-istess Cavalieri jeu Slaten.

It-tieni tifchira. — Bucchett cbîr u sabiħ ferm spieci ta ganutill u tall conchilji, maħdum b-segħna cbira ferm u b'rekka li ma bħala. F-nofsu għandec xbeiba mdandna u liebsa sabiħ, bil bandiera f-idha u b-riġlejja tgħaffeċċ uiħed torc bil kamar u collox. Mîn hi din ix-xebba? U min għanda tcun. Mux Malta tgħeid, li ħarget rebbieħa mit-toroc, mux darba u tnejn. U l-actar imbagħad fl-imblocc il cbîr, fi zmien La Vallette. Dan il Bucchett, chif sibt f-xi noti ta Dun Michiel Sammut ta Birchircara hu tifchira tas-Sultan La Vallette. Xi ħadd ieħor izda kalli li actarx li lè. Għax fil Cnisja ta Ħaz-Zabbar hemm ieħor bħalu fula maksuma mogħti min Ferdinandu Hompech austriac, li chien fis-sena 1797.

It-tielet tifchira.—Calci tal fidda li taulha actarx de Rohan, Gran Mastru tall Cavalieri ta Malta. Għaliex dal calci igib l-arma tiegħu. L-istess de Rohan ħallielha actarx b-tifchira satla tal fidda b-ismu. Barra daun f-tall Herba jinsabu tifchirijet oħra ucoll tall Cavalieri ta Malta, biex izda naktgħu kasir inħalluhom fil genb. Xejn mela, nargħġa ngħeid, ma hi ħaġa cbira li fl-incuatru tall Madonna tall Herba hemm San Ġuan Battista protettur tall Cavalieri ta Malta; għax chif tarau chellom ftit x-jaksmu il Cavalieri ta Malta mas-Santuarju tall Herba. L-actar jecc hemm il provi li daun it-tifchirjet tauhomlha huma tas-sèu. (1).

Ir-Raba' tifchira — Min għalija legħzez tifchirjet li hemm tal Herba huma il uegħdi.

(1) Għax jista' jintagħta li inxtrau maz-zmien, bħalma inxtrau l-Apostli tall fidda tall Catedral li igibu l-arma tall Cavalieri ta Malta.

# IL HAMES TAKSIMA

## *Il għala il Cnisja tall Herba tissemma "tat-Tuelid tall Madonna"*

Il Cnisja tall Herba fil Visti collha Pastorali tall Iskfijet min Mons. Fra Michiel Giovanni Balaguer Camarasa il haun dejjem tissemma *"Tat-Tuelîd tall Madonna"* *"Sub titulo Nativitatis B. M. V."* (1) Hecc tissemma fiz-zmien l-Iskof Molina fis-sena 1679; hecc tissejjaħ fi zmien l-Iskof Cocco Palmieri fis-sena 1685; hecc fi zmien l-Iskof Ferdinandu Mattei fis-sena 1809; u minnu l-haun dejjem. Dana, tgħid, għala? Haun mîn jaħseb li bdiet tissejjaħ hecc mindu il Capitlu ta Birchircara, biex imur jiffonziona f-tas-Sliema, ħalla il festa tall Herba, għan-Nħar it-Tuelîd tall Madonna. Mahi xejn ħaġa cbira, imma chiecu stess m-hux hecc, jena jidhirli li jecc infundu xi ftit, jecc nagħarblu ftit bir-rekka għandna insibu xi raġuni oħra ucoll li ma tcun xejn barra mill ħass. Isimgħu haun.

Bħalma Sidtna Maria tar-Rozarju tissejjaħ tar-rebħ, tall Vittori, mad-dinja chif id-dur, għax giebet bir-Rozarju mkaddes tagħha bosta rebħ, bosta vittori, hecc u xejn ankas it-Tuelîd għaziz tall Madonna jissejjaħ fostna Maltin il *Vittoria;* mħabba filli il Maltin fis-seba' ta Settembru tall 1565 ħarġu rebbiħä mit-Toroc (2).

Jecc difatti Sidtna Maria tar-Ruzarju fis-seculu XIII ħarget rebbiħa lil Nsara, billi fit-takbida li

---

(1) Balaguer chien fis-sena 1637.

(2) Isimghu x-ighid Vassall f-Istoria tighu bil malti, "It-Toroc ighaddu marru meta halleu il Birgu u l-Issla, fis-7 ta Settembru, lejliet it-Tuelîd tall Madonna, u ghalhecc dic il festa kalula il Vittoria, u ghadhom isiru dich inhar xi divertimenti fil bahar, bhalma saru fl-euuel snin, uara li marru it-Toroc. Il Birgu issemma: *Città Vittoriosa.*

chellħom mall Albigisi, dehret hi nfisha mdauura min ktajja ta anġli, izzomm f-idha il lemenija il coruna mkaddsa, li tidher bkala seif tan-nar, u b-idha ix-xellughia tuaddbilhom ħaġar u vlegeg daks chemm jinsabu Avemarijet fir-Rozarju mkaddes, hecc fit-Tuelîd imkaddes tagħha ħarget rebbiħä il Maltin mit-Toroc fl-assedju il cbîr. Arau chemm hu hecc. Fl-assediu il cbïr ta Malta fis-sena 1565 chienet tidher·fuk is-suar tbazza' lit-Toroc u tilkegħlhom, mara liebsa l-abjad il ġmiel ta ġmiela. Xi drabi dil mara, chienet tcun imsiehba min bniedem micsi bil ġlud, u xi dakkiet min bniedem iehor b-lehja daksiex bajda. L-istess Misilmin chienu jarauha u chienu jistaksu ghaliha lil xi Maltin, iridu jafu mïn hi.

Dan igħidu fil ctieb tiegħu fuk l-assediu ta Malta tas-sena 1565 il Conti Carlu Sanminiatelli Zabarella Coronell, talian.

Issa din il mara dejjem ħaduha b-Sidtna Maria; dac ir-ragel micsi bil ġlud b-S, Ġuann il Battista, u l-ieħor b-S.Paul, jeu S.Ġusepp(1). Xejn izda m-hu għageb li chien S. Ġusepp, għax fix-xbiha il kadima tal Madonna tal Herba hemm S. Ġusepp ucoll. Hu x-inhu, dac li semmejna fuk il Madonna jidher immuettak mid-dehera li chellu Patri Robertu D'Evoli capuccin mizmum b-kaddis min culħadd. X-chienet id-dehera li chellu (igħid Vassall fl-Istoria tiegħu ) ma nafux seuua: nafu izda li għaraf u kal: illi il Madonna u il Kaddisin protetturi tar-Religion u tall Maltin, talbu tant l-Alla għal Malta li il kılla tiegħu għaliha spiċċat u li ftit ġranet tcun meħlusa mit-Toroc. (2) Bħalma tas-seu giet meħlusa fis-7 ta Settembru 1565 lejliet it-Tuelîd tall Madonna.

Dan tuettku ucoll ħamiema. Insibu mictub fost

(2) Dan chif kaluli xi nies.

(1) Dan jidher jakbel ħaġa b-haġa mad-dehra li minnha jitchellem (chif ghadna chif semmejna) Zabarella fil ctieb tieghu « L-Assedio di Malta. »

l-oħrajn fl-Istoria ta Ferres li sa mill euuel tall assedju chienet tidher ħamiema bajda fuk Cnisja zgħira ta Haz-Zabbar iddedicata lil Madonna tall Grazzia. Dil ħamiema chienu jarauha mux biss in-nies tall Birgu, imma actarx it-Toroc ucoll. Dil biċċa lil Maltin kauuitilhom kalbhom uisk, għax mill euuel ħaduha bil Madonna taħt xbiha ta ħamiema. U x-għageb li il Madonna tidher taħt xbiha ta ħamiema, jecc Ruħ il Kodos fil magħmudija ta Cristu Sidna deher taħt xbiha ta ħamiema? Tarġa Sidtna Maria fil Ctieb tas-Sacri Cantici tissejjaħ mn-Alla bl-isem ta ħamiema: "*Columba mea*" (cap. II. vers. 14). U bir-ragiun għax il ħamiema hi is-simblu tall indafa u Sidtna Maria hi lizied safia uara Binha il għaziz.

Zabarella fil ctieb tiegħu jitchellem ucoll min ħamiema. Jgħid li mill euuel jum li it-Toroc meddeu riġlejhom f-Malta certa ħamiema marret tgħammar fil campnar tall Cnisja tall Madonna ta Filermo fil Birgu. U min hemm u la kankalha it-taħbit, u la il ħsejjes u la itticsîr u la ħaġa u lankas oħra. Bekgħet hemm dakka ta erba' xhur sħaħ. Imbagħd fid-9 ta Settembru nhar ta Hadd tas-sena 1565 ħalliet il campnar u marret tittaijar fuk it-trincieri merħija mit-Toroc u merbuħä mill Insara.

X-għageb mela li Sidtna Maria ħarget lilna Maltin rebbiħä mit-Toroc fl-assediu il cbîr tas-sena 1565 għal festa tat-Tuelîd imkaddes tagħha?

Xejn mela ma hi frotta barra min zmiena li bħalma Sidtna Maria tar-Rozarju tissejjaħ tall vittoria, hecc it-Tuelîd tall Madonna haun Malta jingħad il Vittoria. U x-għageb mela li f-Malta uisk Cnejjes ħadu l-isem tat-Tuelîd tall Madonna, tall *Vittoria*? (1) U jecc m-hux

(1) U côs mhux Cnejjes biss. Uara it-tharbita tat-Toroc tas-sena 1565 collox sar Vittoria. Lis-Sultan bdeu isejjhulu

għageb li bosta Cnejjes oħra issejjħu bl-isem tall *Vittoria* chemm u chemm mhux għageb li il Cnisja tall Herba tissejjaħ ucoll tat-Tuelid tall Madonna li hu illum il ġurnata ħaġa uaħda mal *Vittoria: Convertuntur?*

Halli issa infissrilcom ftit u xejn għax għid chemm u chemm. Mela għandcom tafu li sibt f-xi noti li tani Dun Michiel Sammut li is-Sultan La Vallette mar izur (naħseb jen) kabel it-takbida mat-Toroc, is-Santuarju għaziz ta Sidtna Maria. Mux għageb mela li it-talb tiegħu jitla' bħala duħħan tal minguin lejn ís-sema jifrak is-sħab u jasal kuddiem it-trôn ta Maria: u Maria tati għalih uiden: b-mod li lejliet il festa tat-Tuelîd imkaddes tagħha fis-seba' ta Settembru, chif għidna, tas-sena 1565 is-seħħ għal collox ix-xeuka ta La Vallette, billi Sidtna Maria tħarrab it-Toroc min Malta.

Xi uħud puġġuti fuk hecc u fuk it-Titlu tat-Tuelîd tall Madonna li għanda il Cnisja tall Herba iridu igħidu li ma hix il Madonna tall Herba, imma tall *Harba.* Ngħidha chif inħossha għalchemm ma nicħadhiex għal collox, lankas tinzilli sa barra, u għalhecc fuk dan nagħmel zieda fl-aħħar tall ctieb. Ir-ragiuni ma tridc forza. Hecc ngħidu aħna Maltin.

Hu x-inhu, bħalma għidna, mux barra mill ħass li il Cnisja tall Herba tissejjaħ bl-isem tat-Tuelîd tall Madonna li hu, narġa ngħid, ħaġa uaħda fost il maltin mall *Vittoria.* Uisk actar imbagħad jecc hu minnu li dac il bucchett li semmeina taħ tasseu lil tall Herba is-Sultan La Vallette.

---

Vittorio Belfiore. Col tarbija li tituieled tifel jeu tifla xorta uahda: Vitor u dan l-isem ghadu fostna min dac izzmien. Vassal fl-Istoria ta Malta pag. 24.

# ISSITT TAKSIMA

***Privileggi u Indulgenzi***

***moghtija ghas-Santuarju tall Herba.***

Leuuelnett l-artal eulieni tas-Santuarju tall Herba hua privileggiat cull jum u għal dejjem. Dan jidher mill chitba ta rħama, li tinsab bisujt l-oħra, chif semmeina fit-tielet Taksima (1). Dan il privileġġ tah il Papa Piu VI fil 31 ta Lulju tas-sena 1776. B-Rescritt jeħor tat 28 ta Giugnju 1857, raġa geddu Piu IX.

U tafu x-jigifieri altar privileggiat? jigifieri f-cull kuddiesa li issir fih tigi meħlusa ruħ mill Purgatorju u tmur il genna. Dan il Privileġġ tauh daun il Papijit: Gregoriu XIII fis-6 ta Decembru 1650—Benedettu XIII fis-16 ta Ġunju 1725—Benedettu XIV fl-14 ta Decembru 1751.

Chemm hi ħaġa cbira! chemm hi ħaġa sabiħa li b-cull kuddiesa toħroġ ruħ mill Purgatorju!

Fis-Santuarju tall Herba jistgħu ucoll isiru il funzionijet tall Gimgħa il Cbira. Ta' ir-rescritt il Papa ta zmenijtna Piu X b-decriet ta 13 ta Marzu 1906.

L-imsemmi Papa fis-19 ta Novembru 1907 ħareġ ucoll decriet jeħor li bih is-Santuarju tall Herba jista' icun Sacramentali, bħalma hu tasseu culljum.

---

(1) Din ir-rhama tghid hecc: "Pius P.P. VI. hanc Ecclesiam per dioecesim populi frequentia celebrem novis favoribus et gratiis ditavit, ut quivis sacerdos Regularis aut saecularis quoties ad eius altare sub titulo Nativitatis B. M. V. Missam celebraverit pro anima uniuscuumque uti Fidelis eadem per modum suffragii indulgentiam consequatur cunctis futuris temporibus valituro tali privilegio, die XXXI Julii M. D. CLXXVI."

Immorru issa għall Indulgenzi :

Il Papa Clement XIV ħareġ Indulgenzata 200 jum għal mîn jgħid kuddiem Sidtna Maria tal Herba il-Latanía tal Madonna—27 ta Auuissu 1771,

Piu VI ta' Indulgenza Plenaria li tista'tirtebaħ f-jum min-Novena ta kabel il festa tat-Tuelîd tall Madonna : Indulgenza oħra ta 7 snin u 7 cuarantini għal ġranet l-oħra tall istess Novena—28 ta Jannar 1779. Indulgenza Plenaria f-zeuġ festi mill eulenin tal Madonna, jigifieri għat-Tuelîd u għall Concizzioni—4 ta Lulju 1794.

Piu IX ta' Indulgenza Plenaria għal Lunziata; għal Candlora u għal Sta. Maria chif ucoll għall anniversarju tall Consecrazzioni tas-Santuarju, li tigi nhar ħadd il Ġdid, u 100 gurnata għal mïn izur is-Santuariu nhar ta Sibt—30 ta Giunju 1851.

Liuni XIII ta' Indulgenza Plenaria għat-tieni Hadd ta Jannar, għall euuel Hadd ta Lulju u għat-tieni Hadd ta Ottubru ġranet li fihom jaħbtu il Bambin, S. Aluigi u il Maternità, Protetturi tax-Xirca tad-Dottrina muakkfä fis-Santuarju tall Herba — 15 ta Novembru 1890.

Liuni XIII ta' Indulgenza Plenaria għat-tieni ħadd ta Settembru : ħadd li fih issir il festa ta Sta. Vittoria Martri—fis-6 ta Giunju 1893. Ta' ucoll 300 jum indulgenza għal mîn nhar ta Sibt izur is-Santuarju.

Piu X ħareġ Indulgenza Plenaria għall ottava tat-Tuelîd tall Madonna u għal Festa tall Visitazioni u tall Presentazioni—28 ta Auuissu 1907. 7 snin u 7 cuarantini għal mïn izur nhar ta Sibt is-Santuarju; Indulgenza Plenaria għal V Hadd uara il Għid il Cbïr, jum li fih fis-Santuarju issir il festa ta St. Espeditu Martri—27 ta Giunju 1905.

Hemm imbagħad katigħ Indulgenzi oħra għal mîn hu msieħeb fix-xirchjiet li hemm immuakfä fis-Santuarju.

Heħmm ucoll ruxmata Indulgenzi oħra maħruġa mill Iskfijet. Mons. Labini ta' 40 jum għal mîn igħid 5 Pater kuddiem l'Ecce Homo (16 Mejju 1785).—Mons. Pace Forno 40 jum għal mîn igħid Pater, Ave u Gloria kuddiem S. Luigi Gonzaga (26 Giunju 1866).

Mons. Pace, 1o. 40 jum għal mîn igħid Pater Ave u Gloria kuddiem Sta. Vittoria (19 Giunju 1890) — 2o. 40 jum għal mîn igħid Salve Regina kuddiem xi ritratt tall Madonna tall Herba (20 ta Frar 1895) — 3o. 100 jum għal mîn igħid Pater, Ave, Gloria kuddiem l-istatua ta St. Espeditu Martri (29 ta Dec.1904)—4o. 100 jum għal mîn igħid Credu kuddiem l-istatua ta Gesù Nazarenu (23 ta Marzu 1896) — 5o. 100 jum ieħor għal mîn igħid Pater, Ave, u Gloria kuddiem l-Istatua tall Kalb ta Gesù (26 ta Lulju 1910)—6o. 100 jum ieħor għal mîn igħid Credu kuddiem Gesù mejjet (2 ta Auuissu 1909) — 7o. 100 jum jeħor għal mîn hu u dieħel is-Santuarju igħid, Ave Maria kuddiem l-istatua tall Madonna li hemm fuk il Porticu tal Cnisja (Dec. 23 ta Mejju 1908.)

Daun huma bejn uieħed u jeħor il Privileggi u l-Indulgenzi li hemm motigħa għas-Santuarju tall Herba. X-jidrilcom l-aħua: Hux ta mîn ifaħħru das-Santuarju għaziz?

## IS-SEBA' TAKSIMA

### *X—Xirchijet li jinsabu muakkfa fis-Santuarju tall Herba*

Fis-Santuarju tall Herba jinsabu muakkfä tliet Xirchiet, jigifieri tat-tfal subien tad-Dottrina nisranija, tall Ulied ta Maria (delle Figlie di Maria), u tall Kalb mkaddsa ta Gesù.

Ngħidu għalhecc chelmtejn fuk cull uaħda minnhom.

Ix-Xirca tad-Dottrina uakkafha l-Iskof Pace Forno fis-sena 1858. Dan sar, Alla jatih il genna, bit-tħabrîc tall Propostu Dun Calċ Agius D.D. U lil dan ucoll għażel Pace Forno biex jiħu ħsiebha u imexxiha. U mexxiha bil għakal tas-seuua. Jen ma ilħaktux. Izda igħidu li dac chien Propostu ta ragel! Kalbu f-ideih! carità għal aħħar u ma ifittex għajr il gloria t-Alla u il gîd tall eruieħ. Culħadd talli jagħmel jitħallas.

Illum il ġurnata ix-Xirca tad-Dottrina bis-saħħa ta raxxa zagħzagħ mixgħulin bl-imħabba t-Alla u tall proxxmu miexia ġmiela ucoll. Alla iseddakhom. Cultant it-tfal tad-Dottrina tall Herba jinġabru flimchien u imorru, bħallichiecu processioni għand is-Salesiani fl-Oratorju tagħhom tas-Sliema. Jiħu ħsiebhom Dun Michiel Sammut. Dan Alla jatih is-saħħa batli ucoll mas-Sur Costanz Procuratur tall Herba xi carti li sueuli ħatna għal dan il ctieb. Lil dan il kassis nistgħu ngħodduh mis-Salesiani (1). Jalla dejjem hecc.

Għidna ucoll li fis-Santuarju tall Herba hemm ix-Xirca tal Ulied tall Madonna. Dix-xirca giet imuakkfä mill Iskof tallum Dun Pietru Paċ D.D., ftit taz-zmien ilu, jigifieri fil 10 ta Novembru tas-sena 1900.

Dix-Xirca hi makugħda max-Xirca eulenija (Prima-Primaria) ta Ruma, li tinsab immuakkfä fill Colleġġ tall Gisuiti bl-isemm tall Lunziata. Għalhecc dauc il bniet collha li huma msieħbä fix-Xirca tall Herba jidħlu sehem fl-Indulgenzi collha Plenari u Parziali u fil privileggi li hemm mogħtijä għax-Xirca ta Ruma. Dix-Xirca miexia seuua, uisk tajjeb taħt it-tmexxija tal

(1) Issa Birchircara kieghed jinbena ucoll Oratorju festiv ghat-tfal, bhal dac ta tas-Sliema. U dan milli jidher bis-sahha tas-Sur Cazolani. U côs Dun Michiel Sammut u is-Sur Fons jatu xi dakka ta îd ucoll.

ħabriechi Can.Dun Paulin Cannataci,D.D., Alla iseddku. Cull xahar jagħmlilhom conferenza : u iħarsu il festi collha eulenin tall Madonna.

Fl-aħħarnett tinsab ucoll fis-Santuarju tall Herba ix-Xirca tal Kalb ħanina ta Gesù. Direttur tagħha hu il Cancu. Dun Ġanpatist Casha. Taf chemm iħabrec ucoll !

## IT-TMIEN TAKSIMA

**X-giħ jintagħta lil Madonna tall Herba**

Sabiex tarau chemm hu cbîr il giħ li jintagħta lil Sidtna Maria tal Herba, jintħieġ kabel xejn infissrilcom ftit x-jigifieri giħ. Il giħ, jeu l-unur, chif igħallem l-Angelicu S. Tumas, m-hux ħaġa oħra ħlief dic il kima li icollna lejn xi ħadd imħabba fil cobor tiegħu, fl-eccellenza tiegħu : kima li mux biss inzommuha geuua fina, imma ucoll li nuruha b-xi sinjali min barra: bħalli chiecu billi nfaħħruh bi cliemna, ngibu ruħna tajjeb miegħu b-agħmilna, natuh xi tifchira tagħna, xi rigal u hecc. U dan collù nagħmluh b-xiedha ta chemm ingibuh : *Onor est bona aestimatio, quam homines concipiunt de aliquo propter excellentiam quamdam, aliquo signo manifestata.* Hecc insibu li gieb ruhu is-Sultan Assueru ma Mardocheu, meta ried iueġħhu. Arab ilibsu bil mant reali tiegħu, idauuarlu rasu b-coruna ta ħaġar mill isbaħ, iricbu fuk iz-ziemel tiegħu stess u iccmanda li jigi imdauuar mat-torok collha ta Susa : li Aman għadu tiegħu izomm ir-riedni taz-ziemel u li cultant igħajjat u igħid : " Hecc jigi mueġħġah, cull mîn irid iueġħġaħ is-Sultan : " *Sic honorabitur, quemcumque rex voluerit honorari* ( Ester cap. 6. )

Narau issa jecc gietċ mogħtija xiedha ta kima lil Sidtna Maria tall Herba. Ibda leuuelnett mill Papijet. X-inhuma ħlief xiedha ta kima l-artal tagħha privileggiat ta culjum u għal dejjem? X-inhuma ħlief xiedha ta kima dauc l-Indulgenzi collha Plenari u parziali moħruġa għas-Santuarju tagħha? Liema xiedha ta kima ma tahix il capitlu ta S. Pietru ta Ruma bid-decriet tall Incoronazioni? X-ngħidu mbagħd mill iskfijet? L-Iskof Publiu Maria Sant, chif ucoll l-Iskof Buħaġar marru li tnejn ikaddsu fis-Santuarju tall Herba kuddiem ix-xbiha għaziza ta Sidtna Maria. L-Iskof Sant giè milkugħ bl-asperges fil bieb tas-Santuarju mill Prepostu ta dac iz-zmien Dun Ġusepp Debono. U l-Iskof Fr. Anton Maria Buħaġar giè milkugħ mill Propostu Dun Cruċ Pisani, D.D. U seuua l-Iskof Sant chemm l-Iskof Buħaġar karbnu fil kuddiesa tagħhom il bosta nsara. Hemm ridtu tarau id-devozzioni ta daun iz-zeuġ Iskfijet u tall Nsara! dic ġabra! dic kima! dac giħ! dic gloria li tau lil Maria! U côs mux l-Iskof Sant u Buħaġar biss, għax l-Iskof ta zmienna mar kaddes kuddiemha għal darba tnejn(1).Anzi biex tarau il kima li chellom dejjem l-Iskfijet lejn il Madonna tall Herba isimgħu din. L-Iskof Fra Vincenz Labini fil vista tiegħu tall 1 ta Lulju tassena 1783 ordna li nhar ta ħdud u btajjel collha, chif ucoll fil ġranet tall kuddies ħadd ma jista' ikaddes fil Cnejjes iz-zgħar, ħlief f-tall Herba biss. U x-juri dan hlief kima lejn dic il Madonna?

U x-nigħidu mill kima li ureu dejjem is-Slaten u il Cavalieri ta Malta lejn il Madonna tall Herba? Xiedha ta dan jatuna iz-ziajjar li,chif jingħad,chienu jagħmlulha chif ucoll it-tifchirjet li ħalleulha. Bħalma hu il bocchett ta La Vallette, jeu Hompesch, il vintartal tall Cav. Romualdu Doz; il calci u is-satla ta Rohan Gran Mastru tall Cavalieri ta Malta u hecc. (2) U x-ngħidu issa mill

(1) U thabat shih ghall incoronazzioni taghha.
(2) Dan jecc tas-seuu tauhomlha huma.

kima li tauha dejjem u f-cull zmien l-Insara ta Malta chif iddur? u côs mux Maltin biss imma min cul gens. Skallin, Taliani, Inglisi, Francisi, Spanioli, min collox. Contu tarau jiggerreu bi ħġarhom għas-Santuarju tall Herba ħalel cbar ta nies. Irgiel, nisa, tfal, zagħzagħ, xiuħ, xebbijet, għoniä, fokra, għorrief, lura, Patrijet, Kassisin, miz-zeuġä, f-chelma uaħda nies ta cull għamla, ta cull daks, ta cull stat. Uisk actar imbgħad meta Sidtna Maria tall Herba bdiet ix-xerred il grazzi tagħha. Contu haun tarau bosta devoti jitcarcru għar-rcubtejhom mill bieb tas-Santuarju sa kuddiem l-artal għaziz tagħha. Hemm contu tridu tarau il ħrara, il ħeġġa, il ħerka! Hemm contu tridu tisimgħu il lfik! it-tnehîd! Hemm contu tridu tarau it-talb tall Insara tiela' il fuk bħala duħħan tall minguin, jogħla, jifrak is-sħab u jasal fis-sema kuddiem it-trôn ta Sidtna Maria! Ibkgħu sguri li fis-Santuarju tall Herba contu tarau jiġri bejn uiħed u ieħor dac li jiġri fl-akua Santuari ta Sidtna Maria li jinsabu fid-dinja. Bħalli chiecu fis-Santuarju ta Lourdes, ta Pompej, ta Gannazzanu, tal Madonna del Arco u il bkija. U côs dac li dari jiġri fl-imgħoddi għadu jiġri illum ucoll. Id-devozzioni lejn il Madonna tall Herba xejn ma nakset. Nixtikcom tmorru sa hemm u tarau b-għajnecom,għax inchella le temmnu.U bħalma Sidtna Maria min taħt ix-xbihjt egħziez tagħha li jinsabu mueghħa f-dauc is-Santuari għeziez ma tagħmelx għajr ix-xerred grazzi fi grazzi, issaħħaħ egħġubijet f-egħġubijet, hecc min taħt ix-xbiha għaziza tagħha tall Herba chienet u għada ix-xerred xita ta grazzi, ir-risk u il barca. Ta dan xiedha l-actar cbira huma dauc il mijet ta mijet ta uegħdi li jinsabu fis-Santuarju tal Herba. U incuadri, u xama', u crozzi, u ctajjen, u għajnejn, u riġlejn tall fidda u min collox!

U m-hux ucoll sinjal ta kima lejn il Madonna tall Herba dac li iz-zeuġ aħua Ġlormu u Toni Borġ

saħansitra mis-sena 1658 ħalleulha zeuġ għelieki (1) sabiex culjum tinxghelilħa kuddiemha lampa u isir ucoll kuddiema xi kuddies? U m-humiex sinjal ta kima tant rigali li takla'? uisk lampi u xama li actarx dejjem jixgħel kuddiemha? dac li daz-zmien is-Santuariu tagħha hu sagramentali? dac li fih isir il kuddies culjum? Hux mela minnu li Sidtna Maria tall Herba hi mzejjna bl-acbàr giħ, bl-acbar unuri?

Inkisu mela, l-aħua, li dejjem izied inzidulha il giħ, u dan l-actar li nistghu nagħmlu, billi dejjem izied ninxgħelu bid-devozzioni lejha, billi ningibdu lejha. Billi nagħmlulha xi pellegrinaggi bħalma dari (2).

Issa billi il vera devozzioni, chif igħid Agostinu l-imkaddes, ticconsisti filli nixbħu lil mîn tiegħu ncunu devoti, jecc irridu tasseu ncunu veri devoti tall Madonna tall Herba, nkisu li niccopiau il ġmiel tall virtù, il ġmiel tall kdusija ta Sidtna Maria. Niccopiau fina l-indafa tall kalb : infiċċu dejjem li naħarbu il misħut dnub. Niccopiau fina l-umiltà, li chif igħid Agostinu l-imkaddes, hi il pedament tall kdusija collha. Niccopiau fina il fidi, it-tama, l-imħabba, il għakal, il ħakk, it-temperanza u il kauua. Ah, jecc ingibu ruħna hecc, incunu nistgħu niftaħru li aħna tasseu veri devoti ta Maria u ncunu keghdin inzejnuha bl-isbaħ giħ, bl-isbaħ unuri.

(1) Il uahda tinsab fis-Suieki msejjha tal Bajdum, jeu ta Caternozza, l-ohra f-Uied Ghomor.

(2) Ghax ighidu li fl-imghoddi chienu isirulha pellegrinaggi bhax-xita : l-actar fi zmien il guai.

# ID-DISA' TAKSIMA

***Xita ta grazzi u eghgiubijet li Sidtna Maria tall Herba ghamlet mad-devoti tahha.***

L-insara tad-dinja chif iddur izommu il Maria b-ommhom il għaziza. U mux għal xejn tafux. Heccda chif difatti Eva tissejjaħ ommna, għax tatna il ħajja tall gisem, hecc tissejjaħ ommna, għax tatna il ħajja ta ruħħa.

Intom tafu li mħabba fid-dnub ta missierna Adam tliefna il cull chemm aħna il grazzia t-Alla, li hi il ħajja tar-ruħ. U mîn regħġana mill meut għall ħajja ta ruħna? Seu seuua Sidna Gesù. Dan igħidulna hua innifsu: *Ego veni ut vitam habeant et abundantius habeant* (Joan. 10-10). U mîn, aħua tiegħi, tagħulna il Gesù Cristu, mux jakau Sidtna Maria? *De qua natus est Jesu, qui vocatur Christus.* Bħalma mela Gesù, għax tana il ħajja, hu missierna, chif sejjaħlu min zmien kabel Isaja: *Pater futuri saeculi,* (cap. 9) hecc Maria li tatna il Gesù ħajja tagħna hi Ommna. Issa nafuha aħna. L'ommijet minnhom infushom iħobbu b-imħabba cbira uisk l-uliedhom. Dan narauh saħansitra fl-istess animali. Biex fost il bnedmin Omm ma tħobbx l-uliedha jaħtieġ li icollhà kalbha mħassra. Issa bħalma għidna, Maria hi Omm l-insara collha. Ara chemm li S. Ġuseppi Copertinu chien sicujt igħid: « Barra min dic l-omm li gibitni fid-dinja, li reddetni, « li rabbietni, għandi fis-sema omm uisk aħjar minnha: « għandi l-Omm Gesù Cristu, il Maria.» Issa Maria mux biss ma għandiex kalbha mħassra, imma kalbha mimlja bil ħniena, saħansitra li il Cnisja issejjħilha Omm tall ħniena, *Mater misericordiae*; għalhecc Maria tħobb l-Insara uisk actar milli l-ommijet l-oħra iħobbu

ROYAL UNIVERSITY LIBRARY MALTA

l-uliedhom. U jecc mela l-ommijet l-oħra iħobbu b-imħabba li tisbok il cul xorta ta imħabba : *Nullus amor vincit amorem maternum,* x' ngħidu mill imħabba ta Maria lejna ? Issa intom tafu li għalchemm l'ommijet ta dina l-art, iħobbu l-uliedhom collha, uisk actar izda iħobbu il dauc uliedhom li actar huma miġbudä lejhom. L-istess il Madonna għad li tħobb uisk l-insara collha, uisk actar izda tħobb lid-devoti tagħha. Arau chemm hu minnu. L-imħabba tidher mill agħmîl, igħid S. Għirgor Papa: *Probatio dilectionis exhibitio est operis.* U côs S. Ġuann tafu x-kalilna, li ma nħobbux bil cliem u lsien, imma bil agħmil : *Non diligamus verbo, neque lingua sed opere et veritate* ( Jan. 3. 18. ) U liema grazzi ma xerrdic Sidtna Maria fuk id-devoti tagħha min taħt ix-Xbiha għaziza tall Herba ? Akrau xi ftit ġrajja u tcunu tafu.

*
* *

Dakschem hu deni cbîr u ħsara cbira il mard, daks hecc ieħor hi gîd cbîr, grazzia u xorti cbira il kauua, is-saħħa. Ara chemm li il kûl igħid : « Mîn hu f-saħtu hu għani. » Issa għalchemm il mard hu collu mard, hu collu ħsara, hu collu ħazîn, il mard tad-deni izda hu għar mill mard l-ieħor, ismu miegħu : u mard li jaħilgec, iħallic bla ruħ, jifnic irkik irkik, jifilgec, igibec fix-xejn. Staksi l-imgiarrab u igħidlec. Issa għandcom tafu li Sidtna Maria tall Herba fejked uisk devoti tagħha mid-deni chiefer ferm, saħansitra mit-tifu.

Isimghu xi ġrajja. Maria Concetta Farrugia tfajla ta 8 snin chienet marida mejjta bid-deni. Iħallicom taħsbu in-nichet u is-suied ta kalb ta ommha Vittoria. Izda x-inhu ? tirricorri lejn Sidtna Maria tall Herba, tagħmlilha uegħda u mbierec Alla tfejakielha malajr. Dan ġara fis-sena 1893.

*
* *

F-mejju tas-sena 1905 Ġusepp Zarb tfajjel ta 6 snin chellu ucoll deni ta ziemel. Emilia ommu collha ħusbiena ma tafx x-tibda tagħmillu actar! Billi izda chienet devota tall Madonna tall Herba titlobha u tagħmlilha uegħda. Haġa cbira! ħaġa tall għageb! digment takla' il grazzia! tara il binha il maħbub imfejjak frisc bħal uarda, bħalli chiecu marid katt ma chien.

*
* *

Oraziu u Saveria Diacono miz-Zeitun chellom binhom Patist sejjer u collox imut bid-deni tifu. Chien kigħed igħid fuku, Alla itiħ il genna Dun Laurenz Psaila. Dan il Kassis u omm Patist jirricorru lejn il Madonna tall Herba u għamlulha uegħda. Għalchemm chellom jeshom maktugħ għal collox, ma dan collu il marid rauh imfejjak Għalhecc Dun Laurenz mar kaddes tall Herba u nies Patist tkarbnu fil kuddiesa fejn ħalleulha b-tifchira ncuadru li juri li ġâra.

*
* *

Maria Dolores Said mill Belt chella binha b-deni jaksam ziemel. It-tabib chemmex minnu xuftejh. Mari rricorriet lejn il Madonna tall Herba u id-deni rama jonkos jonkos sa ma giè fix-xejn.

*
* *

Biċċa oħra, fuk il fejkien mid-deni,u bizzejjed, għax inchella' ma nispiċċau katt, għax hemm ġrajja bħax-xita il kauuija.

F-Mejju tas-sena 1776 uieħed Chiercu inzerta bid-deni. U dac deni! ara chemm li chien mitluf għal collox. Saħansitra joħroġ min camaru, igħaddi min fuk pilastru għal fuk ħajd imuiegħer chemm jista' icun, u bla ma jaf xinhu jagħmel, imur jinzel ġobîr. Alla ried li ħuh mar fil camra tiegħu u xħin ma isibux hemm

erħilu ifiċċu ma cullimchien. F-dakka uaħda jisimgħu igħajjat mill bîr, jerħilha għal erba' għal hemm u isibu sa għonku ġol ilma. U imbierec Alla, Sidtna Maria tall Herba, meta niesu irricorreu għandha, chellom ix-xorti jarauh imfejjak għal collox.

*
* *

U côs il Madonna tall Herba mux mid-deni biss fejked, imma min coll xorta ta mard. Nistgħu ngħidu li Hi sefgħet il Probatica Pixina. Hecc chif bosta morda li chienu jidħlu jinħaslu fil Probatica Pixina, uara li l-Anġlu t-Alla icun ciaklak l-ilma tagħha, chienu jibkgħu mfejjkä, hecc uisk morda li irricorreu lejn Sidtna Maria tall Herba bekgħu mfejkä. Xiedha ta dana jatucom bosta għomi li ħadu id-daul, bosta torox li ħadu is-smiegħ, bosta mifluġä li bdeu jimxu, bosta nbiccmä li bdeu jitchelmu, bosta mordä b-coll xorta ta mard li chienu, tista' tgħid, b-riġlejhom fuk il kabar, malli irricorreu lejn il Madonna tall Herba radditilhom saħħithom.

*
* *

Halli nsemmilcom xi ġrajja, biex tarau chemm hu minnu.

Ġanni Depavia mill Furiana ma nafx chemm chien îlu itabbab b-tumur li chellu f-îdu. muġugħ bil-lejl u bi nhar, ma jistax isib mistrieħ, kata' kalbu għal collox. Izda x-inhu? Martu Anna tagħmel uiegħda lil Madonna tall Herba u mbierca il ħniena t-Alla ifik għal collox!

*
* *

Uiħed Chiericu min Had Ard ismu Ġanni, ta 18 il sena, kata' id-demm 14 il darba: chien uasal għal meut: għamlulu il għodda t-Alla: culħadd kata' jesu minnu. Izda x-inhu? ġurnata uaħda jiftacar f-Sidtna Maria tall Herba u fil għarus tagħha S. Ġusepp. Fil 25

ta Decembru tas-sena 1787 jagħmlilhom uegħda li jecc ifejjkuh, jiħdilhom tifchira u imur izur il tall Herba 7 darbiet. Huejjeġ cbar, ħuejjeġ tall għageb! min dic in-nhar stess beda gejj għat-tajjeb u baka' sejjer għal-l-aħjar: giurnata itjeb mill oħra sama fiek seuua. U hecc Alla uera chemm hu tall għageb fil kaddisin tiegħu. "*Mirabilis Deus in sanctis suis*".

*
* *

Il Canoncu Dun Carmn Sammut, Alla itih il' genna, li chien Procuratur tas-Santuarju tall Herba stess, jimrad marda guappa seuua, igħeidulha *Idropericardio*, jigifieri bl-ilma u b-kalbu. Dan ġara għal euuel ta Settembru tas-sena 1886. Huh Censu, meta ra it-tobba b-jeshom maktugħ, jirricorri lejn Sidtna Maria tall Herba u talbu jigi mismugħ digment. Dun Carm minnufih jehu saktu. Morru tall Herba u tarau cuadru b-tifchira ta dan il feikien.

*
* *

Uiħed mill Isla chellu cancru f-îdu. It-tobba il' għada fil għodu chellhom jaktulu îdu. Il Confessur tiegħu mar ihejih biex iġarrab collox bis-sabar u ikarru. Fl-istess ħîn ġagħalu jirricorri għand il Madonna tal Herba. Sama' minnu, u mbierecc Alla kala' il grazzia. Xhin marru it-tobba sabuh imfejjak għal collox. B-tifchira ta dil grazzia ħalla f-tall Herba îd tall *plastica* bil merc tal cancru, u jecc niftacar tajjeb cuadru ucoll. Grazzi bħal daun hemm bħat-trab.

*
* *

Kiegħed haun bill ħakk niftacar f-dac il uied tall ilma gieri li lemaħ il Profeta Ezechieli ħiereġ mit-tempju jiġri lejn il baħar u jixteħed fih, u jitħaltu flimchien.

Haġa tant cbira! ħaġa tal għageb! Malli l-ilma tall uied jitħallat mall ilma tall baħar, l-ilma tal baħar min tant mielaħ, min tant morr isir ħelu u ħelu għasel. Dal uied hu figura sabiħa tax-Xbiha għaziza tall Madonna tall Herba. Hecda chif l-ilma ta dac il uied chien ibiddel l-imrâr tal baħar fi ħleuua, hecc u xejn ankas Sidtna Maria tall Herba tbiddel lid-devoti tagħha ix-xeuc f-uard, il għolliek f-gilju, in-nichet f-ferħ, id-duejjak f-hena, l-imrar fi ħleuua. Ta dan jatucom xiedha bosta ġrajja.

*
* *

Annetta Chircop f Ottubru tas-sena 1878, meta giet biex tati lid-dinja il frott ta ġufha, nkala' it-tuiegħeîr collu: gietha mriġla min cullimchien. Uekgħet l-imsejcna f-idejn it-tobba: chienet sejjra għal collox. Inħallicom taħsbu id-duejjak, in-nichet, l-imrâr tagħha 'u ta niesha. Izda malli tirricorri għand il Madonna tall Herba l-imrâr collu tall baħar ijmbidel fl-oħla għasel; teħles b-uiċċ il gîd: teħles bis-sliema!

*
* *

Carmni Calleja, għarmla, chien ilha tall imgienen dakka ta 3 snin u 3 xhur. Imdejjka u mnicta, ma tistax iz-zomm izied: tistenna il fidua min ħîn għal ieħor, ma tarax is-sigħa li toħroġ min hemm. Izda ġranet uara li irricorriet lejn il Madonna tall Herba giet imfarrġa: ħelset min dauc id-duejjak: marred il barra.

*
* *

Michiel Cachia uaka' lsir f-Barbaria, flimchien ma insara oħra, taħt idejn il Misilmin. Dic chifrija jaħasra! Lil sħabu chienu ġa ketugħlhom ir riushom. Anzi dendluhom mas-siġar min riġlejhom u erħilhom jixorbulhom demmhom. Nistikcom taslu uasla sa tall Herba u tarau b-għanejcom incuatru b-tifchira ta

dan il fatt. L-imseichen ta Michiel isfar karsa taxxama', b-rogħda fuku, kalbu mniccta, bid-dmugħ f-għajneih, jicrob, jistenna li iteizulu rasu barra, u li jixorbulu demmu. Izda x-inhu? Jirricorri għand Sidtna Maria tall Herba u digment jiffaċċa mirkeb tall europei. Il misilmin jisghiċċau u Michiel jigi meħlus u jitfarraġ.

*
* *

Fil guerra ta Lixandra tas-sena 1882 l-insara chienu maħkurä uisk mill Misilmin. Ma chienux għajr isautuhom, ikattugħhom, ibiċċruhom, iċarċrulhom demmhom, joktluhom.. Ġurnata uaħda nzerta hemm flimchien ma zeuġ sħabu certu Toni Catania, igħidulu tall *Botni*, malti min Birchircara. Hîn bla uakt jagħmlu għalihom il Misilmin. Il uiehed minnhom jakbduh u jektugħlu rasu. It-2 l-oħra jisghiċċaulhom u jinħbeu uara għolja. Ftit uara, il uieħed minnhom jakbduh ucoll, isautuh u joktluh ucoll. Chien fadal biss is-Sur Tonin. Mur ara x-ruħ bekgħet fuku, xħin intebaħ b-sieħbu. Jismagħhom igħidu: magħna għandu jagħmilha: bħal tall oħrajn joħroġ għazlu. L-imsejchen jirtgħod, jibchi, jitnihed, jistenna xi għainuna biss missema. Digment jiftacar f-Sidtna Maria tall Herba, li hemm f-art tuelidu, jagħmlilha uegħda, li jecc teħilsu, jigi Malta izurha. Minnu fih l-egħdeuua tiegħu jaktgħu kalbhom u imorru għarriħhom. Is-Sur Tonin jinkala' min fejn chien jarġħa għal-Lixandra. Min hemm jigi Malta. Imur tall Herba u kuddiem cullħadd, jidħol jitcarcar għar-rcubtejh actar min darba iz-zuntier collu, bid-dmugħ f'ghjnejh igħid xi ġralu, jagħmel kuddiesa, u iħalli cuadru li juri x għadda min għalih.

*
* *

Zeuġ Chierici Cabuccini Professi, Fra Frangisc mill Lisla u Fra Bernard min Hall Luka, fit-18 ta April

tas-sena 1799 fit-8 ta fil għodu *bum* siefru min Marsa-Xloc fuk l-ixprunara ta Patrun Ciccu Bezzina. Daun chienu għal Catania biex min hemm imbagħd jerħulha' għar-Ruma biex jitgħallmu. Xħin chienu dakka ta 50 mîl bgħid min Malta, ħîn bla uakt jaħbtu fukhom il Misilmin Algerini ; jaħkruhom bla tarf; saħansitra inezzuhom il ċokka ta S. Frangisc. Anzi lil Fra Francisc, li mbagħad chien magħruf bl-isem ta Patri Rizzu, kabel xejn uaħħlulu dakka ta troncett fuk spaltu, li biha dam iuaħuaħ għomor. Lil uieħed baħri Malti chienu sejjrin jektgħulu uidintu bil misluta u collox. Inħallicom taħsbu in-nichet u is-suied ta kalb.

Izda x-inhu ? f-dakka uaħda tinkala' biċċa ngliza, tarma tfakka u teħlishom mill meut. Tafu imma xħin inkelgħet ? Haġa tall għaġeb ! xħin iz-zeuġ Cabuccini xteħtu għarcuptejjhom jitolbu bi ħrara mill akua il Madonna tall Herba.

Izda Alla donnu ried iġarrabhom : ħallihom jekgħu lsiera tall furbani, li ħaduhom l-Argiel. Fejn damu mjassrä sat-tnejn ta Frar tal 1810. Izda haun Alla, li jidrob u ideuui, għoġbu jeħlishom mill chiefer jasar per mezz tall bandiera ngliza — *Judicia dei abissus multa*. Ps. 35.

***

Il captan Valent Meilak u sħabu fit-8 ta Marzu tas-sena 1791 chienu ibaħħru innaħa ta Livornu u bla ħsieb ta xejn isibu ruħhom f-tempesta xierfa mill izied: chienu u collox għamlu ruħhom b-mitlufä. Jiftacru izda f-Sidtna Maria tall Herba : jitolbuha bil kalb. U tas-seu uakfet magħhom biċ-ċar, għax bla ma jafu chif ernexxielhom jakbdu bis-sliema il port ta Ferrara.

***

Fil 20 ta Novembru il Captan Ġuseppi Farruġa enzerta fil golf ta Taranto. Ikum baħar li jibla' l-art.

Gejjia ħalla uaħda akua mill oħra. Il mircheb kiesu sifia f-uiċċ l-ilma. Damu f-diz-zifna dakka ta 24 sigħa. Chellhom jitfgħu il baħar chemm kmugħ chellhom u ħuejjeġ oħra ucoll. Chienu ketgħu jishom għal collox. Izda x-inhu? xħin jirricorru lejn il Madonna tall Herba, malajr tismagħhom: jeħelsuha b-uiċċ il gîd.

*
* *

Fil 21 ta Jannar fis-sena 1840 l-equipaġġ tall mircheb inglis imsejjaħ: *Le Roi* chien f-xifer it-tarf, chien niezel għal collox in-naħa ta Anda: ma duar is-seba' ta fil għodu giè colp ta baħar ħecc kauui li għamillu ħsara cbira u għaddsu għal collox fl-ilma il mircheb. Katt ma bassru il baħrîn li sejjrin jerġgħu għall uiċċ. Jiftacru izda f-Sidtna Maria tall Herba: jitolbuha bil ħeġġa u mat-tminia *bum* teħlishom mill għarrka.

*
* *

Fit-22 ta Novembru tas-sena 1774 il bastiment Malti *S. Zaccaria*, għal ħabta tas-sitta ta fil għaxija, x-ħin chien bejn sema u ilma, tfakka ħîn bla uakt sajjetta, tolktu u jiħu in-nar: tista' tgħid, isir ħuggieġa uaħda. Ħaġa cbira! ħaġa tall għageb! malli in-nies tiegħu jirricorru lejn Sidtna Maria tall Herba in-nar jintifa, jeħelsuha bir-risk; u jaslu bis-sliema.

*
* *

Fit-2 u fit-3 ta April tas-sena 1837, Uenzu del Riccio inzerta ibaħħar flimchien mall familja tiegħu fuk l-i-scuna *St. Anna u S. Giusepp*. Għal euuel chien difa mill akua: il baħar zejt. Izda mbagħd l-ajru rama jicrieħ ferm, ikum riħ fortuna: dalma ċappa: il baħar jinkala' għal aħħar: jirvilla għal collox: il meuġ ħalla acbar mill oħra: sicujt jirtadmu bir-ruħ u il gisem. Min ħîn għal ieħor jarau il għarka. Digment jagħmlu uegħda lil Madonna tall Herba u mbierec Alla u Ommu Maria, minnu fih is-sħab jibda jitkatta', is-sema jarma jiċċara,

il baħar jibda jibbnazza, ir-riħ jorkod u jeħelsuha b-uiċċ il ġîd.

Ġrajja min dix-xorta cont nista' nsemmilcom il mijet; imma aħjar bizzejjed. Morru sas-Santuarju tall Herba u issibu ncuatri bħax-xita il kauuija, li jurucom chemm Sidtna Maria ħelset devoti tagħha mill għarka.

X-jidrilcom mela, l-aħua, mill egħgubijet li għamlet, u mix-xita kauuija ta grazzi li tati Sidtna Maria tall Herba lid-devoti tagħha? (1) Cunu immela dejjem veri devoti tagħha u ibkgħu sguri li issibuha f-cull ma taħtieġu għar-ruħ u għal gisem!

*Tuissija*—Nokogħdu dejjem b-għajnejna miftuħa li lil Sidtna Maria tall Herba ma nonksuhiex mill kima. Niftacru fil castighi li tât xi drabi lil mîn gieb ruħhu magħha halliel. Arau chemm hu hecc. Jingħad li uieħed hazîn daħal darba bil-lejl f-tall Herba biex jisrakha. Uara li ħa li deherlu u chemm deherlu, medd îdu fuk ix-Xbiha għaziza tall Madonna, chien u collox sejjer inezzagħha mid-dehbijet li chella. Izda x-inhu? drigħu jibbieslu daks stanga, lankas biss sata' iħarrku. U min fuk ġara li il kampiena bdiet id-dokk ueħeda: marru in nies jiġru u il ħalliel inkabad.

Din il biċċa izda fil uakt li chienet castig, chienet ucoll grazzia tal Madonna, għax il ħalliel imbagħad icconverta.

Biċċa oħra b'ualha. Il Cancu. Dun Carmn Sammut, Alla itih il genna, meta chien għadu tfal, chien jisma'

---

(1) Il Canonci tall Vatican staġhbu bill grazzi u il miracli, li Alla ghoġbu ixerred per mezz tall Madonna tall Herba, ara chemm li kalu: «Reperimus satis superque «constare de mirabilibus gratiis ab Ea copiose largitis, ita ut «difficile sit enumerari prodigia quibus omnipotens omnium «Arbiter Eamdem insignire dignatus est.»

il nannuh, Mastru Ġusepp Mangiun, igħid: « Li darba fix-xitua ruxmata ħallelîn chienu u collox kegħdin jagħmlu għorra fuk il bejt tal Cnisja tall Herba biex jidħlu fiha u jeserkuha. Uiħed minnhom, jati, ma nafx chif, dakka ta bakkun bil għakal fuk sieku u jarma ħiereġ zenzul demm. Sħabu, meta rau hecc, katgħu kalbhom u erħeulha għar-riħhom. Hux castig bic-ċar?»

Ma ncunux mela boloħ, l-aħua, nkimu dejjem is-Santuarju u il Madonna tall Herba.

## IL GHAXAR TAKSIMA

### X-Madonna hi il Madonna tall Herba.

Bhalma il Madonna ta Pompei tissejjaħ hecc, għax kegħda f-Pompei, ta Lourdes għax dehret f-Lourdes, hecc il Madonna tall Herba tissejjaħ hecc, għax tinsab f-tall Herba; tieħu isemha mis-Santuarju li kegħda fih. Imma bħalma il Madonna ta Pompei hi tar-Rozarju, ta Lourdes hi l-Immacolata, hecc jixrak li tall Herba icollha x-isem ieħor ħelu u sabiħ, li jakbel malli juri l-incuatru tagħha. Għax côs l-ismijet, meta huma is mijet seuua, chif imiss, jaħtieġ li juru, li ifissru x-inhuma, x-isarrfu dauc li lilhom jintagħtau. Hecc Alla l-imbierec fir-rabta il kadima, għax ħtar l-Abram biex icun missier ta bosta populi, tah l-isem ta *Abraham*: isem li ifisser dac li għalih għazlu. L-istess Alla, meta ried iħallas lil Ġacobb bir-risk u il barca, talli issara ma l'Anġlu u minnu ħareġ rebbieħ, tah l-isem ta Israeli. Hecc Sidna Gesù lil Xmun ħu Indrí, meta għazlu b-rajjes tall Cnisja, semmieh Pietru, u il Ġacbu u il Ganni għax l-euuel ma ħarġu fl-apostolat sejjħilhom bl-isem ta

ulied ir-raagħad. X-għageb mela li il Madonna tall Herba tissemma b-xi ismijet li jakblu malli juri l-incuatru tagħha?

Mux l-euuel darba li smagħithom isejjħulha bl-isem tall Madonna tall Grazzia. U hecc sejjħilha fil vista tiegħu Mons. Balaguer fis-sena 1637. U dan l-isem jokogħdilha tajjeb chemm jista' icun. Isimgħu għala. Leuuelnett, għax Sidtna Maria tall Herba iggib f-idejjha il Gesù tarbija. Għalhecc hi Omm tall grazzia: *Mater Divinæ Gratiæ*. Bħala Omm Gesù hi mimlija bil grazzi, chif sellmilha Gabrieli: *Ave gratia plena*, is-sliem għalic, ja mimlija bil grazzia. U x-jigifieri issa mimlija bil grazzia? Jigifieri, chif ifisser S. Bonaventura u il Maldonatu mfauura bill egħmîl it-tajjeb collu, bil meriti collha, bill ġmiel collu tall kdusija, bill grazzi collha li f-Gesú Cristu jinsabu bħalli chiecu fil għajn, fl-anġli u fil kaddisin bħalli chiecu fi suieki, f-Maria bħalli chiecu fi xmara li tmiss mall baħar. *Ja mimlija bil grazzia*, *Gratia plena*, igħid Grolmu l-imkaddes, għax il grazzia fil bniedmîn l-oħra tigi mkassma f-Maria izda issaubet il milja tall grazzia.

*Mimlija bil grazzia*, igħid Ambroġ l-imkaddes, għax f-Maria nizel igħammar Alla innifsu milja tall grazzia.

Mimlija bill grazzia mux biss fil cotra imma ucoll fiz-zmien, jigifieri sa mill euuel ħin tan-nisel għaziz tagħha.

Xejn għalhecc m-hu barra mill ħass li Sidtna Maria tall Herba, illi l-incuadru juriehhna Omm Gesù Cristu tis-sejjaħ bit-titlu sabiħ tall grazzia.

Izda dan għad mhux bizzejjed. Isimgħu actar: S. Bernard jokogħd igħarbel ftit u xejn bir-rekka fuk id-dinja. U tafu x-isib? Isib li kabel il migia ta Cristu, Sidna, Alla l-imbierec ma chienx ixerred fostna bniedmîn dauc il grazzi collha li ixerred illum il ġurnata.

U għala dana, tgħid? Iuiegeb l-istess S. Bernard u igħid li fir-rabta il kadima chienet għada ma gietċ Sidtna Maria u għalhecc chien għadu Alla ma ħalliex f-idejjha it-tesori tall grazzi collha tiegħu, biex tferrakhom lil bniedmîn uliedha. F-Maria, jissocta igħid S. Bernard, tinsab il milja ta cull gîd li aħna nistgħu nixtieku, ta cull grazzia u tall ħajja: u dan għandna nistenneuh minnha; għax Alla irid li il grazzi collha li nekilgħu, igħaddu collha mn-idejn Maria.

Issa għalchemm Sidtna Maria ixxerred il grazzi tagħha dejjem u cullimchien, ma dan collu, chif rajna, għoġobha ixxerridhom b-mod tal għageb min taħt ix-xbiha għaziza tagħha tall Herba. U m-hix għalhecc din raġuni oħra ċara li il Madonna tall Herba tissejjaħ uisk tajjeb tall Grazzia, bħalma sejjħilha Balaguer? Jecc ngħidu li hi it-Tuelîd tall Madonna lankas ma immorru zmerċ sa barranett. Isimgħu għala. Il Cnejjes jiħdu isemhom actarx mit-Titular tagħhom. Hecc ngħidu S. Paul tal Belt, S. Paul tar-Rabat, S. Pietru ta Ruma, S. Paul ta Ruma, S. Geitanu tall Hamrun u x-naf jen. Issa għandcom tafu li il Cnisja tall Herba fil visti collha tall Iskfijet u ta Molina, u ta Mattei u ta Sant ecc. min barra tall Herba tissejjaħ ucoll bl-isem tat-Tuelîd tal Madonna (1). Bħallichiecu: *Eccell. ac Revmus. Dnus. Fra Ferdinandus Mattei visitavit Ecclesiam filialem sub titulo Nativitatis B. M. V. vulgo « tal Herba.»* U il festa eulenja li issir f-tall Herba hi tat-tuelid tall Madonna ucoll. Isirilha it-tridu bil prietchi, l-euuel u it-tieni għasar, il kuddiesa il cbira, il Panegircu u x-naf jen. U għala mela ma għandux jitfisser b-xi mod it-titolar tagħha it-Tuelîd ta Sidtna Maria? Imma haun sgur tgħiduli: L-incuatru tal Herba ma juri xejn it-

---

(1) Dan l-isem, chif nghidu fiz-zieda, actarx haditu uara l-assediu il cbir tas-sena 1565, ghax dac iz-zmien collox sar Vittoria, jeu Tuelîd tal Modonna.

tuelîd tall Madonna; għax it-Tuelîd tall Madonna jigi mfisser b-Tarbija, b-Bambina. Mur nhar il Vittoria l-Isla, mur in-Naxxar, mur il Melliħa tismagħhom igħeidulec, għax il Bambina tagħna. U fl-incuatru tall Herba Madonna bil bambin hemm u m-hux bambina. Iva, seuua kegħdin tgħidu. Fl-incuatru tall Herba, hemm pinġuta il Madonna bill Bambin. Issa għiduli ħaġa: il Madonna chienet min tuelidha *Maria?* Jecc chienet min tuelidha Maria, min tuelidha chienet, igħidilcom Ambroġ l-imkaddes,Omm Alla, Omm Gesù Sidna; għax Maria, chif igħid l-istess Sant Ambroġ, tfisser *Deus ex genere meo*, jigifieri Alla minni, jeu jena Omm Alla. X-għageb mela li il Madonna tall Herba turina it-tuelîd tagħħa għad li iggib il Bambin fi ħdana? Din hi seu seuua siħeb dic, ta meta uieħed pittur, biex ipingi it-tuelîd tal Madonna pinġa esercṫu mill akua. Hadd ma ried igħid li b-hecc uera it-Tuelîd tall Madonna. Izda meta hu gibilhom il chelmiet tall Iscrittura: *Ut castrorum acies ordinata,* jigifieri li it-tuelîd tall Madonna jixxebbah ma esercṫu, culħadd baka' taħtha! U hecc tas-seuua, għax it-tuelîd ta Maria chien għalina bħala esercṫu tall acbar kauua li ħelesna mill għadu tall Infern u lilna Maltin mit-Toroc ucoll.

Li il Madonna tall Herba tissejjah ucoll tall erueħ hi ħaġa f-uakkitha ferm: f-sicchitha uisk.Isimgħu għala. Hecda chif Gesù Cristu hu is-Sultan tas-sema u tall art: *Data est mihi omnis potestas in cœlo et in terra* ( Math. c. 28 v. 18 ), hecc Sidtna Maria min dac il ħîn li saret Ommu, sefgħet Sultana tas-sema u tall art, *Salve Regina.* Għalhecc għanda cull setgħa fis-sema u fl-art. U bir-ragiun; għax chif jidħadditha St. Arnoldu: « Jecc il gisem ta Maria m-hux mifrud «mill gisem ta Gesù Binha, chif jista' icun li is-setgħa « tagħħa tcun mifrudä mis-setgħa tiegħu?» Mn-hecc hu gej li id-devot ta Maria Bernard l-imkaddes imur

jitchellem mall Madonna hecc: «Lilec, ja Sidti, «giet mogħtija coll setgħa fis-sema u fl-art.» *Data est tibi, o Domina, omnis potestas in cœlo et in terra.* Issa għandcom tafu li il Purgatorju, chif jgħallem l-Angelicu S. Tumas, hu post fil kiegħ tall art mgħakkad mall Infern: *Est locus inferior terræ et inferno coniuctus.* U il Cnisja mkaddsa donna trid tfissrilna l-istess ħaġa, meta titlob l-Alla, biex jeħles l-eruieħ mill għammiek, li fih jinsabu, mill kiegħ tall art; *A porta inferi erue, Domine, animas eorum;* mela il Purgatorju hua sehem mill art, mid-dinja collha. Issa chif għidna kabel, Sidtna Maria għanda setgħa fuk l-art collha; fuk id-dinja chif id-dur; għalhecc mela tigi ueħida li Maria għanda setgħa fuk il Purgatorju. Bir-raġun collu immela S. Bernardinu min Siena imur igħeid li Maria għanda il jett fuk il Purgatorju. U chiecu ma chienx hecc chif chienet tinzel hemm teħles min-nirien id-devoti tagħha? Sidtna Maria stess tgħidilna bil chelmijet tall Ecclesiasticu: «Jena mxejt fuk il meuġ tall baħar» (c. 24 v. 8), jigifieri, chif ifisser S. Bernardinu, biex teħles id-devoti tagħha mit-tbatijet li fihom jinsabu. Issa għandcom tafu li it-tbatijet tall Purgatorju jissejħu meuġ, għax bħalma il meuġ igħaddi u jintemm, hecc it-tbatijet tall Purgatorju ma humiex bħal tall infern għal dejjem, igħaddu u jispiċċiau. Jissejħu mbagħad tall baħar, ghax huma tbatijet ħorox u morri uisk. Sidtna Maria nfisha fil ctieb tal Proverbi tgħid: *Profundum abissi penetravi*, jena dħalt fil ħondok ta kiegħ l-art; u dan il għammiek ifisser, chif igħid S. Bonaventura, il Purgatorju. Tidħol fil Purgatorju biex ittaffi in-nirien lil Eruieħ u mill actar fiss tiddihom fil genna. Jicteb il għaref Gersone li Sidtna Maria dac in-nhar li telgħet is-sema ħelset mill Purgatorju l-eruieħ collha u ħallietu fieragħ. Issa jecc intom tiftacru, fit-tieni taksima ta

dan in-nakra ta ctieb, semmeina l-incuatru tal Cnisia tall Herba u għidna li f-dac l-incuatru taħt il Madonna hemm pingiut il Purgatorju bl-eruieħ kalb innirien u l-Anġlu Custodju ked jiħu ħsiebhom taħt il protezzioni tall Madonna. Għalhecc ngħid jen, jecc il Madonna ta Montligeon, u dauc iz-zueġ statui li għamel, Alla itih il genna, is-sur Carlu Darmanin, auħda li tinsab fill Colleggiata ta Birchircara u l-oħra Had-Dingli, jisseiħu tall Eruieħ, għax Sidtna Maria hi magħmula toħroġ l-eruieħ mill Purgatorju, x-izommna li lil Madonna tall Herba ma nsejjħulhiex bl-isem tall Madonna tall eruieħ ucoll ?

Mela jecc insejħu il Madonna tal Herba bl-isem sabiħ tall Grazzia jokogħdilha : jecc insejjħulha bl-isem tall Vittoria, jeu it-Tuelìd tagħha jixirkilha : jecc insejħulha bl-isem ta Madonna tall eruieħ incunu nagħmlulha l-isbaħ coruna ?

U bil ħakk, bill ħakk tall Harba, *Della Fuga*? xejn. L-eccmu. u Revmu. Capitlu ta S. Pietru fid-degriet tall Incoronazzioni puġġut fuk il carti li marrulu min Malta il Madonna tall Heıba sejħilha bl-isem tall Harba: IMAGINEM BEATÆ MARIÆ VIRGINIS : *DELLA FUGA*.

M-hix frotta lankas barra min zmiena li il Madonna tall Herba tissejjaħ tall Harba ucoll ( b-mod fustani ), bħalma tissejjaħ tall Grazzia u il bkija. Għax chif iridu igħidu u jena semmejt digià fit-Taksima Hamsa, Sidtna Maria tall Herba għenet uisk La Vallette, lil Cavalieri u lil Maltin biex ħarrbu it-Toroc min Malta fl-Assediu il cbîr tas-sena 1565. U dan jidher uisk tajjeb mill bocchett li ħallielha l-istess La Vallette, jecc tas-seuua ħallieh hu, u m-hux ħadd jeħor. Izda haun min imeriha din il biċċa (1).

(1) Fuk dan akrau iz-zieda tall aħhar.

# IL HDAX IL TAKSIMA

### Fuk l-Incoronazzioni tall Madonna tall Herba.

Id-degriet tall Incoronazzioni tall Madonna tall Herba ħareġ mill Illmu. u Revmu. Capitlu tall Vatican fit-13 ta Frar tas-sena 1910 u għanda tigi ncurunata fis-7 ta Auuissu li gej (1910). Għandu jincurunaha Dun Pietru Paċ, D.D., Iskof ta Malta u Arciskof ta Rodi.

Hi ħaġa xierka uisk izda li Sidtna Maria tall Herba tigi ncurunata. Isimgħu għala. Biex tigi ncurunata xi xbiha tall Madonna l-akua ħuejjeġ li jinħtieġu huma tlieta. L-euuel uaħda li il vâra, jeu l-incuatru icunu kodma, li icunu antichi, bħalma hu l-incuatru tall Carmnu tall belt, li igħodd mis-sena 1600 : bħalma huma l-incuatri ncurunati tall Cattedral u tall Melliħa, li actarx huma pinġuti min S. Luka stess. It-tieni li in-nies icunu imorru izuru bi ħġarhom ix-Xbiha ta dac l-incuatru, jeu ta dic il vâra. L-aħħar uaħda li dac l-incuatru, jeu dic l-istatua tcun xerrdet grazzi cbar, għamlet egħġubijet (1).

Issa daun it-tliet ħuejjeġ huma mseħħä fi-incuatru tall Madonna tall Herba. Dan jidher ċar mhux biss milli għidna s-issa, imma ucoll mill atti tall visti Pastorali tall Iskfijet ta Malta ibda min Mons. Molina ibka' sejjer sa zmenietna. Għalhecc hi ħaġa xierca uisk li Sidtna Maria tall Herba sejjra tigi ncorunata. U li chiecu ma chienx ħecc chien sejjer

---

(1) Ed in prima, onde la Sacra Effigie della Vergine possa, secondo la mente dell'Illustre Conte Alessandro Sforza Pallavicini, decorarsi della corona d'oro, dev'essere celebre per l'antichità non meno che per il concorso del popolo e per l'abbondanza dei miracoli.

il Rev^mu u Ill^mu Capitlu ta San Pietru ta Ruma johroġ id-decriet tall incoronazzioni ?

Hu x-inhu, hi dejjem ħaġa xierka, ħaġa mexxejja li Sidtna Maria tall Herba tigi ncurunata. Isimgħu għala. Il Cnisja mkaddsa tincnruna ixxbihijet mkaddsä tall Madonna mhux biss imħabba il għozza tall incuatru, imma ucoll imhahba fiddignità, fill cobor ta Sidtna Maria ncurunata fix-Xbihjet tàgħha (1). Mill għozza tall incuatru tall Herba ġa tchellimna. X-ngħidu issa mid-dignità tall Madonna li sejjra tcun ncorunata taht xbiha tagħha tall Herba ?

Is-slaten, ir-rġejjen jiġu actarx ncurunati. Hecc insibu li is-slaten ta Franza chienu jiġu ncurunati f-Rheims ; is-slaten tall Ungheria chienu jiġu ncorunati b-cerimoni l-izied zbieħ. Min ħîn għall ieħor kegħdin nistenneu l-ncurunazzioni ta Ġorġ V, sultan tall Inghilterra. Issa ma hix Sidtna Maria Regina ? anzi l-akua Regina, *Salve Regina ?* U chif ma hix Regina Maria, jecc hi Omm is-Sultan ? Anzi chif ma hix Regina tar-Rgejjen jecc hi Omm is-Sultan tas-Slaten ? U jecc mela is-Slaten jiġu ncurunati, m-ħux xierak li il Madonna tigi ncurunata fix-xbiha tagħha tall Herba ?

X-izied ? dejjem jiġu ncurunati mux biss il Poeti, bħalma chienu il Petrarca u it-Tassu ; imma ucoll ir-rebbiħa fil guerra. Ta dan jatucom xiedha Xandru il Cbîr, Pompei, Alcibiade u uisk oħrajn. Issa għiduli

(1) L'Illustre Mons. Pedicini, Arcivescovo di Bari, parlando dell'incoronazione della sacra Immagine di Maria SS. di Costantinopoli dice : « Quale è mai la significazione del « rito solenne con cui la Chiesa suole incoronare le imma- « gini di Maria ? Questo rito di tanta sublimità significa « primieramente il prestigio dell'immagine che si incorona « e la dignità di Maria nelle sue immagini incoronata. »

intom, mîn fost il poeti jirbaħha lil Sidtna Maria f-dic il poesia, f-dac il Canticu tall għageb li għamlet fill bieb ta Elizabetta? Mîn fost il guerrieri gieb rebħ akuua milli giebet Sidtna Maria mill għadu ħajjen tall infern, mill idolatria u mill eresia? U chif mela ma tixirkilhiex il curuna?

Ara bil ħakk cont insejt. Halli mela la ked niftacar inzîd cħelmtejn fuk in-nisel tall incoronazzioni, fejn bdied u fuk chemm xorti ta coruni jintagħtau.

Milli nista' nakbad leuuel ma ncurunau l-allat tagħhom in-nies tall Babilonia. Għax il Profeta Baruc igħeid li, meta il-Lhud uekgħu lsira fil Babilonia, sabu l-allat ta hemm b-rashom imdaura bill coruni tad-deheb: *Coronas certe aureas habent super capita sua dii illorum* (c. 6. v. 9.)

Incoronazzioni kabel dic ma nafx li chienn hemm.

Uara l-allat maz-zmien bdeu jiġu ncurunati il kassisin. U m-hux bla ragiun tafux, għax l-actar li ikarrbu lejn l-allat huma il kassisin. Imma chif, tgħiduli intom, jista' icun dan, jecc is-slaten geu ncurunati fl-istess zmien mall kassisîn? Tasseu li dan hu minnu, għandcom tafu izda li għal euuel id-dignità tas-slaten chienet makugħda mad-dignità tall kassisîn. Dauc stess li chienu Slaten chienu ucoll sacerdoti. Izda mbagħad maz-zmien għal chemm id-dignità tas-sacerdoti infirded mid-dignità tas-slaten, daun issoctau jiġu ncorunati chif jġri sal ġurnata tal-lum.

Uara imbagħd katigħ Ruma biex tħajjar il guerrieri jidħlu fit-takbida u jissarau kalbenîn għamlet ligi li jiddauuar bill curuna il ġbin tall akua rebbieħä fil guerra. U billi il guerra tista' tcun ta actar min xorta, geu maħlukä bosta xorti ta curuni. Il curuna *ovali*, u din chienet tintagħta lir-rebbiħä tall lsiera, curuna *rostrali*, jeu *murali* u din chienet tintagħta lir-rebbiħä fuk il baħar,

coruna *civica*, u din chienet tintagħta lil mîn jeħles mill meut il xi ħadd min sħabu, curuna tar-rand, u din chienet tintagħta lil generali rebbiħä. Fl-aħħarnett, biex nakta' kasir, il curuna tan-nigem, li chienet tintagħta lil mîn jeħles il xi nies imbloccati. Zmien uara mbagħad inħalket il curuna tall poeti.

Immorru issa għall incurunazzioni tax-xbihjet egħziez ta Sidtna Maria. L-euuel nisel tagħha igħarrfu seu seuua, chif nakrau fl-Istoria, mill Patri Capuccin Girolamu Paulucci min Forlì. Hu l-euuel li inventa l-incurunazzioni tax-Xbihjet tall Madonna. Mbagħad maz-zmien il Conti Alessandru Sforza Pallavicini ħalla xi renti lil Capitlu ta S. Pietru ta Ruma biex jista' darba fis-sena jincuruna il gbin ta xi Madonna mill actar antichi, li xerrdet xita ta grazzi u għamlet egħgubijet. (1)

U hecc il għâda tall incurunazzioni tall Madonna għada miexia sa illum.

Milli staigħt nakbad għall euuel chienu jincurunau il Madonna xi drabi bil curuna tall fidda, chif ucoll il Bambin tagħha, meta għanda. Illum il ġurnata izda ix-Xbihjet tall Madonna u tal Bambin tagħha jiġu incurunati b-curuni tad-deheb. Dana ngħarfuh seuua milli ħalla bill mictub l-imsemmi Conti Sforza, middegriet tall Capitlu tall Vatican, chif ucoll mix-xbihjet li narau ncurunati. U din hi ħaġa xierka uisk. Jecc difatti l-allat karrikä tall Babilonja chienu ncurunati bil curuni tad-deheb, Gesù Bambin xbiha tall Iben t-Alla u Ommu il għaziza, għax ma għandomx icunu ncurunati bid-deheb ? Targħġa is-slaten huma ncurunati bid-deheb, Gesù u Maria huma l-akua Sultan, l-akua Regina, u għax mela ma għandiex tcun tad-deheb il coruna tagħhom ?

(1) Illum il ġurnata il curuni ma ghadomx izied intaghtaù b-xejn mill Capitlu tall Vatican. Tafu intom, biz-zmien collox jinbidel.

Id-Degriet tall incurunazioni tall Madonna tall Herba chelma b-chelma:

*Marianus Tituli Sanctæ Cæciliæ S. Romanae Ecclesiae Presbyter Cardinalis Rampolla del Tindaro SS. Patriarchalis Basilicæ Principis Apostolorum de Urbe Archipresbyter Sacræ Congregationis Rev. Fabricae Præfectus nec non Capitulum et Canonici Eiusdem Basilicae.*

*Excellentissimo ac Reverendissimo Domino Petro Pace Archiepiscopo Episcopo Melitensi, salutem in Domino sempiternam.*

*Capitulo Nostro, ad quod Sacras Deiparae Imagines et Statuas sive cultus antiquitate, sive miraculorum copia celebriores coronandi jus et honor pertinet, Rmum. Capitulum Birchircarae Tuae Dioecesis, exposuit venerari in Ecclesia sub titulo a Nativitate, a multis saeculis* IMAGINEM BEATÆ MARIÆ VIRGINIS « DELLA FUGA », *Eamque celebrari multitudine prodigiorum ac civium vicinorumque frequentia. Quare singulari devotionis affectu ductum erga Beatissimam Dei Genetricem enixis precibus postulavit, ut Augusta Imago supradicta aureâ illâ coronâ, qua prodigiales Deiparae Imagines a Capitulo Nostro redimiri solent, decoretur.*

*Huic pietatis animo accesserunt potissimum commendaticiae litterae Tuae, quibus exposita confirmabas et ut precibus satisfieret pia sollecitudine poscebas.*

*Nos itaque, qui solerti studio, quum de Sanctissima Virgine honoranda agatur, semper Ei grata devotionis obsequia impendere tenemur, supplicationibus inclinati die decima tertia hujus vertentis mensis Februarii in Aula Capitulari, ut moris est, legitime congregati, Sanctissimo Dei Nomine invocato, supplicem libellum*

*ac historicas memorias hujus Imaginis in eo contentas peculiari doctrina, religione ac diligentia elaboratas, cognovimus.*

*Hinc accepto prius voto ab Illmo. ac Rmo. Domino Josepho De Bisogno e Marchionibus de Casaluce Capituli Nostri Decano de re plenius favorabiliter emisso, comperimus satis superque constare de Illius saeculari vetustate, de mirabilibus gratiis coelestibusque donis ab Ea copiose largitis; ita ut difficile sit enumerari prodigia quibus Omnipotens omnium Arbiter Eamdem insignire dignatus est.*

*Quare Nos sane judicantes in illam preclaram Imaginem sine dubio convenire omnia quae pro solemni coronatione requiruntur, firmtier futurum speramus ut novus splendor, quo decorari in votis est, majorem erga Sanctissimam Dei Parentem augeat fidelium devotionem cunctae quae Ecclesiae ampliora beneficia ex Ea deriventer.*

*Ad majorem augustissimae Trinitatis gloriam, ad novum Deiparae decus et ornamentum et ad christiani nominis utilitatem, Nos unanimi sententia summaque gratulatione et plausu decrevimus et mandavimus quemadmodum praesentium vigore decernimus et mandavimus memoratam* IMAGINEM BEATÆ MARIÆ VIRGINIS « DELLA FUGA » *aurea corona solemni ritu esse decorandam.*

*Munus autem coronationis hujusmodi peragendae Tibi, Excellentissime Domine, contulimus et per praesentes conferimus, Teque libentissime delegamus quatenus nomine Nostro quo die volueris hunc honorem Coelesti Reginae deferre valeas, Ejusque capiti sacratissimo in praefata Imagine auream coronam imponas ad tramites ordinis servandi,quo in similibus caeremoniis utimur et cujus exemplar mittimus.*

*Quod si quacumque de causa impeditus id praestare nequeas, facimus Tibi pariter potestatem subdelegandi alium in ecclesiastica dignitate constitutum, qui pro te nomine quoque Nostro, eumdem sacrum ritum perficiat.*

*In quarum omnium testimonium has litteras a Rmo. Domino Capituli Nostri Canonico ab actis subscriptas et sigilli Capitulari impressione munitas expediri et in acta referri mandavimus.*

*Datum Romae ex Aula Capitulari anno Millesimo nongentesimo decimo, die decima tertia mensis Februarii Pontificatus Sanctissimi in Christo Patris et D. N. Domini PII, Divina Providentia PAPÆ X anno septimo.*

(f.) M. CARD. RAMPOLLA, *Archipresbyter.*

L. ✠ S. (f.) JACOBUS, *Canonicus Sinibaldi ab actis.*

(t.) JOSEPH CASCIALI, *Notarius et Cancellarius.*

*Concordat cum originali. Datum ex Curia Episcopali Meliten. die 12 Aprilis 1910*

Can. AL. M. CAMILLERI,

*Cancellarius.*

L-istess Degriet migiub bil malti fi ftit cliem :

Il Cardinal Marianu Rampolla Arcipriet ta S. Pietru ta Ruma, il Capitlu u il Canonci.

Jixtiku lil Iskof ta Malta Mons. Paċ ir-raħma u il genna.

Billi il Capitlu ta Birchircara fid-Diocesi tiegħec

għarrafna li tinsab fi Cnisja tat-Tuelîd tall Madonna Xbiħa għaziza ta Sidtna Maria: *Tall Harba: Della Fuga*, msemmija għall egħġubijet u għaz-zjajar tall insara, u talabna li chiecu tigi mzejjna mill Capitlu bill curuna tad-deheb li hu mdorri izejjen biha xi Xbiħijet tall Madonna :

Billi Inti uettaktilna bill carti tiegħec dac li kalilna il Capitlu u talabna li nektgħulu xeuktu. Aħna mkanklîn mill gibda li għandna lejn il Madonna, miġburin fis-Sàla tall Capitlu krajna it-tifchirjet storici tall istess Xbiħa maħdumin bill għakal. Għalhecc uara li tlabna il vot tall Illmu. u Revmu. Dun Giusepp De Bisogno, Decan tallCapitlu tagħna, u sibnieh tajjeb għal aħħar:

Hsibna u rajna, li billi f-dic ix-Xbiħa jinsab cullma inħtieġ għall incurunazzioni sollenni, li għanda tigi ncurunata :

Għaldakstant noħorgiu id-degriet li ix-Xbiħa tall Madonna tall Harba (della Fuga) tigi mzejjna sollennement b-curuna tad-deheb. Aħna, Monsignur, inkabdu lilec tincurunaħa min flocna f-liema jum trid.

U jecc katt tinkagħlalec xi ħaġa u ma tcunx tista' tincurunaħa Inti, ntuc is-setgħa li tkabbad min flococ il xi Dignitarju ieħor biex jincurunaħa fl-isem tagħna.

Maħruġ f-Ruma mis-Sala tall Capitlu fis-sena elf disa' mija u għaxra, fit-tlittax ta Frar, fis-seba' sena li îlu Papa Piu X.

# TIFHIR U TALB

LIL

# SIDTNA MARIA VERGINI
# TAL HERBA

IVVENERATA FIL CNISIA FILIALI TA BIRCHIRCARA

I.

Min tal Herba, Omm Hanina,
Min ifisser l' eghgidbìet
Illi bihom din il Czira
Imhennìa minnec giet!
Omm min t' Alla ; xebba deijem,
Chem u chem grazzii int ferrakt
Is-Santuariu ghaziz tighec
Dieher juri gio coll uakt.

*Ave Maria, etc.*

II.

Lein il g' miel il gìd, u 'l ghana,
Li bieh jiddhi l' altar tighec,
Coll min jidhol jibka ihares,
U ihoss kalbu tifrah mighec.
Int il cheucba min tas-sebh,
Illi tchecci id-dlamìet :
Il mahluk bid-daul issebbah,
U tal kalb tekred is-suiet.

*Ave Maria, etc.*

III.

Int il cheuba min tal bahar,
Illi tfarrag' bid-daul tighec,
Ir-'rieh trakkad, u 't-tempesti,
U coll barca int iggib mighec.

Int lil ghomia tati id-daul,
Ta l' imbiccma tholl ilsien,
Lil mghatab trodd is-sahha,
Thenni il morda bil feikien.

*Ave Maria, etc.*

IV.

Int fi hdanec tilka il midneb,
Illi niedem id-dnub halla :
Kuddiem Ibnec ghalieh titlob
Biex il mahfra lilu tkalla.

Leic imbicchi ghaneih jarfa
Min mahkur jinsab fil hemm :
Int il farag' lilu tati,
U coll dieka fis ittem.

*Ave Maria, etc.*

V.

Mil ghedeuua tahhom collha
Rebbiehin tohrog' l' insara,
Ghalchem harxia tcun il killa,
Li trid biss il kerda tara.

Ta edaun l' eghgbìet
B' ghaxka taghna l' izied cbira
F' das-Santuariu imkaddes tighec
Sibna deijem it-tifchira.

*Ave Maria, etc.*

VI.

It-talb taghna fl' isem tighec,
Isem helu, isem sabieh,
Minnec deijem hu mighgiub,
Lilec jati l' acbar gieh.
Ghalecc ahna b' dana l' isem
Omm tal Herba aħna inselmulec,
Kalbna collha mighec nifthu,
Ebda nichet ma nahbulec.

*Ave Maria, etc.*

VII.

Min ta kalb Ibnec Sultana,
Omm Gesù bla tarf hanina,
Ahna kalbna lilec natu,
Itlob Int deijem ghalina.
Ibnec lilec mux biss Ommu,
Izda ucoll tcun Ommna riedec,
U chif sirna ahna ilcoll ħutu.
Hecc ucoll sirna ahna uliedec.

*Ave Maria, etc.*

VIII.

Bl' acbar ħrara nitolbuc
Fit-tig'rib la thalliniex,
Il ghainuna fil uakt neuuel
Biex il hemm ma jahkarniex.
F' ideic Alla il ghana telak
B' gìd is-sema biex taghnina,
Sabiex tista lilna turi
Chem bla tarf int Omm hanina.

*Ave Maria, etc.*

IX.

L' eghgbìet tal Hniena tighec
Uri maghna nitolbuc :
Ma dic kalbec orbot kalbna
Bhal ulied biex inhobbuc.
Int fil biza t' Alla zommna,
Biex ma nakghou fl' ebda htìa,
Sa chem uara il meut min taghna
Int tuassalna fid-dgaudìa.
*Ave Maria, etc.*

X.

Isma it-talb, isma l' ughiedi,
Ilka il gieh, ilka il fohrìa,
Ilka il barca li natuc,
Min tal Herba Omm int Maria.
Lil Missier, li htarec b' Bintu,
Lil Gesù, li ghamlec Ommu,
Lil Gharus Ruh-il-kdusìa,
Kima natu f' kalbna inzommu. *3 G.P.*

ANTIPHONA

Nativitas tua, Dei Genitrix Virgo, gaudium annuntiavit universo mundo : ex Te enim ortus est Sol justitæ Christus Deus noster, qui solvens maledictionem dedit benedictionem, et confundes mortem, donavit nobis vitam sempiternam.

V. Causa nostræ lætitiæ.

R. Ora pro nobis.

*It-Tuelid imkaddes tighec,*
*Vergni Omm Alla, Maria,*
*Habbar ferh lid-dinja colla*
*Illi chienet imbicchìa*
*Ghaliex minnec fegg' ghalina*
*Gesù Xemx mil tal kdusia,*
*Illi is-sahta minna bighed,*
*U tal barca rema id-dia.*
*Chif mil meut hareġ rebbieh ;*
*Tana haija li tisbieh.*
*V. Bidu tal ferh u min tal hena taghna.*
*R. O Maria itlob ghalina u ekaf maghna.*

OREMUS.

Famulis tuis, quæ sumus Domine, Coelestis Gratiæ munus impertire, ut quibus Beatæ Verginis partus extitit salutis exordium, Nativitatis ejus pia Commemoratio pacis tribuat incrementum. Per Chirtum D. N.

R. Amen.

*TALBA*

*Fukna uizzel mis-Smeuujet,*
*Alla sidna, nitolbuc,*
*Dac il ġmiel min tal kdusia*
*Ibli bieh ghanna noghġbuc,*
*U chif bidu min tal ferh.*
*It-Tuelid chien ta Maria ;*
*Hecc bil cotra mintas-sliema*
*Dit-tifchira issehh moghnia*
*F'gieh Sidna Gesù Cristu.*

*R. Hecc icun.* (1)

L' Eccellmu. u Revmu. Mons. Carmelo Conte Scicluna, Iskof taghna, b' degriet tat-12 ta Frar, 1897, jati erbghein jum indulgenza, lil min bil kalb igheid dana l' Innu.

Nihil obstat Die 12 Februarii 1879

G. Can. Scerri Vic. Gen.

Reimprimatur, Datum Vallettæ Die 28 Junii 1910

P. *Arch. Epus.*

(1) Dat-tifhir chien chitbu, Alla itih il genna, Dun Dovic Mifsud Tommasi, D.D. Requiem æternam.

# NAKRA TA ZIEDA

### Jecc tall HERBA ghandiex tinbidel f–tall HARBA

Lè, ma għandiex tall *Herba* tinbidel f-tall *Harba*. Isimgħu għala :

Hi regula tall Critica li il ħuejjeġ chienu x-chienu, chienu chif chienu, chienu liema chienu, jecc huma poġġuti fuk l-istoria, fuk it-tradizioni, fuk il monumenti, uisk actar imbagħad, meta ma igibux u la tmerija ( contradizioni ) lankas ħuejjeġ li ma humiex seuua ( incoħvenienti ) għanna inħalluhom chif inhuma u mux inficcu li nakilbuhom, jeu li natuhom sens ieħor jeu li infissruhom xort-oħra, chif jidrïlna. Issa nafuha aħna : l-isem *Herba*, li għandu is-Santuariu u il Madonna li għalih sejjra tigi ncurunata fis-7 Auuissu li gejj tas-sena li aħna fiha ( 1910 ), geuua Birchircara, hu isem poġġiut fuk l-istoria, fuk it-tradizioni u fuk il monumenti ucoll. Leuuelnett fuk l-istoria. Isimgħu x-igħid il Cavalier Ferres Achille fil ctieb tiegħu imsejjaħ : *Il Cnejjes ta Malta u Ghaudex :*

CNISJA TAT–TUELÎD TALL MADONNA

MSEJJHA « TAL HERBA »

« Din il Cnisja hi uiħed mis-Santuari l-izied egħziez « ta Malta : in-nies tagħmel uisk għalih. Jinsab f-post « imlakkam tal *Herba*, li ifisser *delle rovine*, hecc « imsejjaħ mill post imġarraf u mħolli, fejn chienet « immuakkfa l-euuel Cnisja kadima ferm ».

U l-istess Ferres fl-*Istoria Ecclesiastica* tiegħu li chiteb fl-1877, pag. 316 igħid hecc :

« Il Cnisja tat-Tuelîd tall Madonna f-Birchircara
« msejjħa min-nies tal *Herba*, jigifieri *delle rovine*, forsi
« mill post mġarraf u mħolli, fejn chienet immuakkfa
« l-euuel Cnisja tagħha ».

Haun igib ucoll il fatt tal mifluġ li semmejna diġà.

Is-Sur Annibale Preca f-*Malta Cananea* fil faċċata
613 jicteb :

« Tal Herba — (regio) ruinæ — u tal *Hereb* ucoll,
« isem ta xi nħaui illum bla nies, barra l-euuel uaħda,
« li minnha tis-semma nakra ta Cnisja tall Madonna ġo
« Birkirkara. *Herba* bil Malti, tfisser tħarbit, kerda,
« bil-Lhudi Hereb u is-seif li sicujt igib tħarbit, kerda :
« difatti Herba bil malti tfisser ktil ucoll ».

Fil għadd 6 tall *Moghdija taz-Zmien*, Patri Magri›
Alla jatih il genna, lilu u lil mejtin collha, ħalla mictub
fil paġ. 58.

« Herba tfisser il fdâl ta xi bini mġarraf u immer-
« mer biz-zmien. Bosta Conventijet kodma fis-Soria
« ighidulhom Herba bħal ma għandna aħna tal Herba
« f-Birchircara ».

U xejn tgħiduli li daun huma chittieba ta zmeni-
etna, għax côs il chittieba antichi, li storici il kodma
*Herba* sejjħula ucoll tafux.

Hudu fost l-oħrajn il Commendatur Gen. Francisc
Abela : dan fl-*Istoria Illustrata ta Malta* li chiteb mux
illum lankas il bieraħ tall *Herba* sejħila ucoll bill Malti
u bit-taljan *del rovinato*.

Izda haun nisma' mîn imirini :—Cun af, igħidli, li
inti sejjer zmerċ, għax Abela ma sejjħilhix tall *Herba*,
imma tall *Cherba*. — Collox seuua : imma għandec
taf, inuieġbu, lil dan il flien li il chittieba kodma Maltin
chienu actarx ikiegħdu Ch jeu il Gh min floc l-H.

Fiċċu difatti fil Vocabolarju migiub fil Ctieb imsej-
jaħ *Della Lingua Punica*, msauuar mill Canoncu Gio:

Pietru Francisc Agius De Soldanis u tarau chemm hu minnu. Herza, issibuha mictuba : *Cherza* — Heles *Cheles* — Halla *Challa* u hecc.

Imma chiecu stess ma chienx hecc, jidher biċ-ċar li meta Abela kal : *Gherba,* ried igħid Herba, ghax kal ucoll *Del Rovinato.* U *Del Rovinato,* m-hux tall *Herba,* jeu tall imħarbat ifisser bil malti ?

U chiecu stess tarġa. Abela l-*H* bidel f-*Gh,* u mux l-*E* f-*A.* U għalhecc nibkgħu fejn conna. *Quid ergo contra nos ?*

Jen naħseb li il *Visti Pastorali* tall Iskfijet ta Malta huma sehem mill istoria ta Malta. Issa l-Iskfijet ta Malta fil visti tagħhom dejjem kalu tall *Herba,* jeu tall *Cherba* li bħalma semmejna huma cinquina u ħames ħabbiet. Hecc sejjħila Balaguer fis-sena 1637. Hecc sejjħilha l-Iskof Molina fis-sena 1679 vulgo tal *Herba.* Hecc sejjħilha l-Iskof Cocco Palmerii fis-sena 1805. Hecc Mattei fis-sena 1809 u hecc il bkija.

X-jidrilchom mela, l-aħua, l-isem tall Herba hux maħmuz tajjeb mall istoria ta Malta ?

Narau issa l-isem tall Herba għandux x-jaksam mat-tradizioni. Tafu x-igifieri tradizioni ? Tradizioni hi dic it-triek li magħha jimxu xi ġrajja, xi bxajjar, jeu ħuejjeġ oħra bla mictuba, bil cliem biss, bil fomm biss, min missieř ghall iben, min seclu għall ieħor. Bħal ma hu *Il Gherf bla mictub ta'Misserietna* li minnu jitchellem Patri Magri fil *Moghdija tazzmien.* Issa morru saksu lin-nies collha ta Birchircara u arau igħeidulcomx li is-Santuarju għaziz li hemm jinsab chif ucoll il Madonna li fih, min dejjem igħidulhom tall Herba. Jecc issaksu l-ixieħ mara ta Birchircara fukhom sgur tuiegibcom : « Jena b-tall « *Herba* nafa għomri u zmieni. Hecc, Alla jaħfirlu, « chien jgħeidilhom missieri, hecc in-nannu, hecc il « bisnannu li miet ta 90 sena. » Anzi tgħidlecc :

« cont nisimgħu igħid il bisnannu, li missieru, nan-
« nuh, u bisnannuh tall Herba chien isejjħilha ucoll.
« Cun af — tgħidlec — li aħna il Carcarisi fuk tall
« Herba ghandna għania gustusa uisk. »

—Liema hi Lien? isa għeidili :

*Fejnu zmienec, ja Herba?*
*Dari mdaura bill lellux :*
*Ghaddeu is-snin min fukec* (1)
*Issa fic jirgha il bebbux.*

Immurru flaħħarnett għall monumenti.

X-jigifieri monumenti? Jigifieri il ħuejjeġ collha tas-sengħa li ifaccruna fl-mgħoddi, bħallichiecu statui, domni, xbijhet, cnejjes, iscrizionijet u hecc..

Min dix-xorta, tghid, insibu xi ħaġa li is-semmi il tall Herba? Jalla uaħda. Morru mauar sas-Santuarju tall Herba. Duru daura dauc id-dakka ta 400 incuatru li hemm imdendlä mall ħitân : arau ftit x-fihom mictub. F-dac issibu : *Fece voto alla Madonna della Herba :* fl-ieħor : *Alla Santa Vergine tal Cherba*, u dejjem għania uaħda. Issa għandeom tiftacru li għalchemm biċċa minnhom huma ġodda hemm ucoll biċċa minnhom kodma seuua: m-humiex tal bieraħ lankas tal leuliemes.

Jinsabu ucoll f-tall Herba zeuġ pianci tar-ram kodma ġmielhom : Il uaħda fiha mictub : *Sta. Maria della Herba :* l-oħra : *Vera effigie della Miracolosa Nostra Signora detta della « Kerba » in Birchirchara.*

Xi Santa kadima ma tonkos tiġri fl-idejn, tall Herba tghid ucoll, jeu tal *Kerba*, jeu *Cherba*.

U bil ħakk l-Istrada ta dac is-Santuarju x-inhi? m-hux tall Herba ucoll?

Hux mela l-isem Herba mibni fuk 3 pedamenti kauuijä fuk l'Istoria, it-tradizzioni u il monumenti?

---

(1) Ohrajn igheidu : « Hitanec collha uekghu. »

Issa għiduli, jecc għandcom ħila liema contradizioni jeu liema inconvenienti igib fih innifsu l-isem Herba. U għaliex mela ma għandux jibka' chif inhu u mux jinbidel fl-isem Harba?

Niftacru l-ahua, fi cliem Agostinu l-imkaddes: *Veritas est antiqua, novitium et temporale mendacium*, jigifieri: li il kadîm hu minnu u il gdid hu klajja. Tarġa x-kall S. Paul Missierna lid-discplu tiegħu Timoteu? *Timothee! depositum custodi, devitans profanas vocum novitates.* (Let. I. C. 6) « Ja Timoteu! zomm dac li tauc f-idejc, l-ismijet « ġodda ma għandecx xi tridhom xejn. »

Vincenzo Lirin jidħol ifisser cliem S. Paul bil għakal ferm (1).

Hux mela tall *Herba*, tuieldet, tall Herba nħalluha tgħix u tmut ucoll.

—Għax cont chiecu nixtiek, nisma' haun il mîn igħidli, li l-isem tall Herba mbiddluh bħalma dari f-tall Harba, għax naħseb li hecc chien, u mbgħad maz-zmien imbidlet l-*A* f-*E*.

—Isma': dan ked tgħidu min zniedec hux tabilħakk? Ftacar li dac li jingħad mux fuk is-sħiħ imur mar-riħ: *Quod gratis asseritur, gratis negatur.*

—Le jaħasra mux min jeddi: hemm il provi.

—Liema huma? Niħu gost nismagħhom.

—Għax sgur Sidtna Maria tall *Herba* ħarrbithom fl-assedju il cbîr lit-Toroc min Malta. Ara chemm hu

---

(1) Quid est depositum? Id est, quod tibi creditum est, non quod a te inventum; quod accepisti, non quod excogitasti, rem non ingenii, sed doctrinæ; non usurpationis privatæ, sed publicæ traditionis; rem ad te perductam non a te prolatam; in qua non auctor debes esse, sed custos. (Vincentus Li. 1. c. 27.)

minnu La Vallette chien jigi jitlob f-tall Herba: din hi uaħda.

—Hallielha bucchett, fih xebba f-nofsu li juri biċċar dic il vittoria. Xebba b-Torc taħt riġlejjha. Tnejn.

—Il Cnisja talll Herba hi tat-Tuelîd tall Madonna. Tlieta

Fis-Santuarju tal Herba hemm bosta tifchirjiet tall Cavalieri tà Malta. Erba'.

—Leuuelnett, biex turi li La Vallette chien jigi jitlob f-tall Herba? Mux billi tgħid: trid tipprova. U jecc hu minnu li La Vallette chien jigi jitlob f-tall Herba, dac iz-zmien din il Cnisja, chien jisemha tall Herba jeu tall Harba, mîn jaf? Tarġa: jeu La Vallette chien jigi jitlob kabel l-assediu il cbîr, jeu fi zmien l-assediu, jeu uara: xort-oħra ma jistax icun. Fi zmien l assediu sgur li lè; għax chien imbluccat fil Birgu: ma chienx jista' joħroġ: chien imdauuar bit-Toroc min cullimchien. Anzi scond li storia ta Malta chellu xi tusijet mill Vice Re ta Skallija biex ma jillargax min hemm. Mela jeu kabel jeu uara. Jecc uara: it-talb tiegħu f-tall Herba ma chellux x-jaksam mall ħarba tat-Toroc. Jecc kabel collox jista' icun. Imma lankas ma hi uisk ħaġa mex-xeja; għax il Cavalieri u La Vallette il Birgu chellom f-S. Laurenz il Madonna ta Filermo li gibuha magħhom mir-Rodi: kuddiemha chienu imorru actarx jitolbu: Lilha chienu isibu fil kabda: biha chienu jagħmlu il procissionijet. U tarġa mbagħad uara li ħarbu it-Toroc min Malta Lilha tah La Vallette is-sejf mastizz tad-deheb u ix-xabla li bagħtlu Filippu II Sultan ta Spanja b-sinjal ta gratitudini, u mux lil xi xbiha oħra.

—Immorru għall bucchett. Hemm biex uiħed juri li dac il bucchett bix-xebba f-nofsu u bit-torc taħt riġlejjha, taulha lil tall Herba La Vallette? Jecc hemm, collox seuua. Izda jecc ma hemmx nistgħu actar ngħidu li mux gej min La Vallette. Leuuel għax mix-xeħta

tiegħu mux ta dic l-epoca: għax bħalu fula maksuma, chif smagħit, hemm jeħor Haz-Zabbar. Issa ta Haz-Zabbar hu gej min Hompechs, li chien mal 200 sena uara La Vallette, jecc niftacar seuua.

Issa dac li il Cnisja tall Herba hi tat-Tuelîd tall Madonna ma hix prova bizzejjed. Bħalma għidt f-dan il ctieb haun Malta it-Tuelîd tall Madonna u il Vittoria, mill assedju il cbir il haun saru ħaġa uaħda *Convertuntur*. Issa ngħid jen: il Collegiata tal Isla hi tat-Tuelîd tall Madonna, jeu tall Vittoria; tall Melliħa hi tat-Tuelîd tall Madonna, jeu tall Vittoria; tan-Naxar hi tat-Tuelîd tall Madonna, jeu tall Vittoria: mela colla conna nistgħu insemmuhom tall Harba. *Quid nimis probat nihil probat.*

Imma haun nistħajlec tgħidli: Mela għala inti stess fil għaxar Taksima ta dal ctieb sejjaħtilha tall *Harba* ucoll? Sejjeħtilha tasseu hecc izda mux bħala ħaġa eulenja, imma bħala ħaġa fostanja (non primieramente ma secondariamente). Imbagħad l-actar li sejjeħtilha hecc biex inuiezen il xi ħadd. Ftacar li l-isem Herba billi hu mibni fuk l-Istoria, it-Tradizione u il monumenti ma messeitu xejn, zammeitu dejjem.

—Bagħkegħlna fl-aħħarnett it-tifchirjet. It-tifchirjet tall Cavalieri li hemm tall Herba, huma tas-seuua egħziez, seuua jecc tauhomlha il Cavalieri, seuua jecc inxtrau uara, bħal l-apostli tall Cattedral. Issa, ngħid jen, seuua jecc tauhomla il Cavalieri u seuua, anzi uisk actar, jecc inxtrau x-għandhom x-jaksmu mal Harba tat-Toroc min Malta. Nerġgħu immorru fejn conna: *Quod nimis probat, nihil probat;* għax actarx f-col Cnisja kadima ta Malta issib xi tifchiriet tall Cavalieri: Had-Dingli stess, niftacar li hemm gejjin min tal Cavalieri Vâra ta S. Guann u Ostensorju. Tgħid dauc għandom ucoll x-jaksmu mall ħarba tat-Toroc min Malta? Jecc ma tieħux għalija ngħidlec chelmtejn oħra u immorru bil paci.

Jen jidhirli illi chiecu stess ir-raġunijet collha li gibt, biex turi li Herba għanda tinbidel f-Harba, chienu kauuija ferm, lankas ma chienu icunu bizzejjed biex l-isem *Herba* jinbidel f-*Harba*. Herba ucoll chella tibka'. Isma' għala. Għax Herba bil malti tfisser ucoll kerda, tħarbita. Ara chemm li is-sejf, għax jekred, iħarbat, bil-Lhudi igħidulu *hereb*. U il-Lhudi u il Malti huma aħua. Dan jidher mill *Malta Cananea* ta Preca, mill ctieb *Sull' origine della Lingua Maltese* tas-Sur Tonin Caruana, mill ctieb De Sultanis *Sulla Lingua Punica*, u hecc.

Habib. Cun af li jena ma inhiex ta rasi: jecc turini ċar li jena mort zmerċ u fihiex, natic chelma sħiħa li nicteb collox mill ġdid, inġarraf cullma għid u nibka' nafulec. Ibka' sgur li ħbieb conna, ħbieb għadna u mija nibkgħhu. Inħallic bis-sliem.

TMIEM

## Uerrei

Protesta . . . . . . . . . . 2
Chelmtejn lil mîn jakra . . . . . . 3

*L-euuel Taksima*

X-jigifieri il chelma Santuarju . . . . . 5

*It-Tieni Taksima*

Is-Santuarju u il Madonna tall Herba chif inhuma illum 7

*It-Tielet Taksima*

Fuk in-nisel tas-Santuarju tall Herba u x-għadda minnu . . . . . . . . . . 11

*Ir-Raba' Taksima*

X-tifchirijet egħziez hemm fis-Santuarju tall Herba 13

*Il Hames Taksima*

Il għala il Cnisja tall Herba tissemma « tat-Tuelîd tal Madonna » . . . . . . 15

*Is-Sitt Taksima*

Privileggi u Indulgenzi mogħtija lis-Santuarju tall Herba . . . . . . . . 19

*Is-Seba' Taksima*

X-Xirchijet jinsabu muakkfa fis-Santuarju tallHerba 21

*It-Tmien Taksima*

X-giħ jintagħta lil Madonna tall Herba . . 23

*Id-Disa' Taksima*

Xita ta grazzi u egħġubijet li Sidtna Maria tall Herba għamlet mad-devoti tagħha . . 27

*Il Ghaxar Taksima*

X-Madonna hi il Madonna tall Herba . . 37

*Il Hdax il Taksima*

Fuk l-incurunazioni tall Madonna tall Herba . 43
Id-Degriet tall incurunazioni bil latîn . . 47
L-istess Degriet imfisser f-erba' chelmiet bil malti 49
Il Corunella . . . . . . . . 51
Nakra ta Zieda . . . . . . . 56